Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0404(COD)

29.1.2025

EMENDI
362 - 761

Abbozz ta' rapport
Abir Al-Sahlani
(PE766.973v01-00)

L-istabbiliment ta’ riżerva ta’ talent tal-UE

Proposta għal regolament
(COM(2023)0716 – C9-0413/2023 – 2023/0404(COD))

Emenda 362
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) "entità parteċipanti oħra" tfisser aġenzija tax-xogħol temporanju, aġenzija privata tal-impjiegi jew intermedjarju tas-suq tax-xogħol li l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom ikunu disponibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kif trażmessa mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità parteċipanti l-oħra.

Or. en

Emenda 363
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "profil" tfisser l-informazzjoni pprovduta minn persuna li tfittex impjieg minn pajjiż terz permezz ta' format standard tad-data bl-iskop li tfittex impjieg permezz tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(4) "profil" tfisser l-informazzjoni pprovduta minn persuna li tfittex impjieg minn pajjiż terz ***jew minn impjegatur*** permezz ta' format standard tad-data bl-iskop li tfittex impjieg ***jew reġistrazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE*** permezz tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 364
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "profil" tfisser l-informazzjoni pprovduta minn persuna li tfittex impjieg minn pajjiż terz permezz ta' format standard tad-data ***bl-iskop li tfittex impjieg permezz*** tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(4) "profil" tfisser l-informazzjoni pprovduta minn persuna li ***qed*** tfittex impjieg minn pajjiż terz***, impjegatur parteċipanti jew intermedjarju,*** permezz ta' format standard tad-data ***għall-fini tal-użu*** tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 365
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) "entità parteċipanti oħra" tfisser aġenzija tax-xogħol temporanju, aġenzija privata tal-impjiegi jew intermedjarju tas-suq tax-xogħol li l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom ikunu disponibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kif trażmessa mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità parteċipanti l-oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jitnaqqas l-għadd ta' emendi li għandhom jiġu ppreżentati għall-minimu neċessarju, id-definizzjoni użata hawnhekk għandha tapplika b'mod konsistenti fit-test kollu biex tissostitwixxi "impjegatur".

Emenda 366
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "mezz ikkoordinat uniku" tfisser is-	(5) "mezz ikkoordinat uniku" tfisser is-

servizz tal-IT li jiġi stabbilit għat-trażmissjoni ta' postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri ***parteċipanti*** għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont sistema uniformi u bl-użu tal-infrastruttura teknika meħtieġa.	servizz tal-IT li jiġi stabbilit għat-trażmissjoni ta' postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont sistema uniformi u bl-użu tal-infrastruttura teknika meħtieġa.

Or. en

Emenda 367
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "***mezz ikkoordinat uniku***" tfisser is-servizz tal-IT li jiġi stabbilit għat-trażmissjoni ta' postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri ***parteċipanti*** għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont sistema uniformi u bl-użu tal-infrastruttura teknika meħtieġa.	(5) "***pjattaforma tal-IT komuni***" tfisser is-servizz tal-IT li jiġi stabbilit ***fil-livell tal-Unjoni*** għat-trażmissjoni ta' postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont sistema uniformi u bl-użu tal-infrastruttura teknika meħtieġa.

Or. en

Emenda 368
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) "post tax-xogħol vakanti" tfisser offerta ta' impjieg li tkun tippermetti lill-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg, jekk jiġu rreklutati, jidħlu f'relazzjoni ta' impjieg fl-Istat Membru parteċipanti fejn ikun stabbilit l-impjegatur parteċipanti u fejn se jaħdmu abitwalment il-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg;

Or. en

Emenda 369
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għall-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi hija stabbilita.	1. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għall-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi hija stabbilita. ***L-informazzjoni fuq il-pjattaforma għandha ssir disponibbli fejn ikun teknikament possibbli mill-inqas bil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri kollha UE, kif ukoll bil-lingwi uffiċjali tal-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fis-Sħubijiet ta' Talent kif ukoll bil-lingwi uffiċjali tal-għaxar nazzjonalitajiet li rċevew l-ogħla numru ta' permessi uniċi fl-UE matul l-aħħar tliet snin.***

Or. en

Emenda 370
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għall-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi hija stabbilita.	1. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għall-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' persuni li ***jkunu*** qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***u għat-tqabbil mal-impjegaturi parteċipanti*** hija stabbilita.

Or. en

Emenda 371
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għall-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi hija stabbilita.	1. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għall-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' persuni ***bi kwalifiki għoljin*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi hija stabbilita.

Or. en

Emenda 372
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-mezz ikkoordinat uniku li jippermetti*** lill-Istati Membri parteċipanti jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(a) ***il-pjattaforma tal-IT komuni li tippermetti lill-impjegaturi, lill-intermedjarji u*** lill-Istati Membri parteċipanti***, permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tagħhom,*** jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 373
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mezz ikkoordinat uniku li jippermetti lill-Istati Membri parteċipanti jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(a) il-mezz ikkoordinat uniku li jippermetti lill-Istati Membri parteċipanti jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti ***u l-impjegaturi rreġistrati*** għall-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 374
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mezz ikkoordinat uniku li jippermetti lill-Istati Membri ***parteċipanti*** jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(a) il-mezz ikkoordinat uniku li jippermetti lill-Istati Membri jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 375
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-infrastruttura teknika li tippermetti lill-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tirċievi l-postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri parteċipanti;	(b) l-infrastruttura teknika li tippermetti lill-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tirċievi l-postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri ***u mill-impjegaturi u mill-intermedjarji*** parteċipanti;

Or. en

Emenda 376
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-infrastruttura teknika li tippermetti lill-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tirċievi l-postijiet tax-xogħol vakanti	(b) l-infrastruttura teknika li tippermetti lill-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tirċievi l-postijiet tax-xogħol vakanti

mill-Istati Membri ***parteċipanti***;	mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 377
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-infrastruttura teknika biex jinġabru u jinżammu l-profili ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi;	(c) l-infrastruttura teknika biex jinġabru u jinżammu l-profili ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***u impjegaturi rreġistrati***;

Or. en

Emenda 378
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-infrastruttura teknika biex jinġabru u jinżammu l-profili ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi;	(c) l-infrastruttura teknika biex jinġabru u jinżammu l-profili ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***u biex ittella' d-dokumenti***;

Or. en

Emenda 379
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***l-għodda awtomatizzata*** ta' tqabbil;	(e) ***algoritmu prestabbilit awtomatizzat ta' tqabbil, kif ukoll***

possibbiltà għal algoritmi ta' parti terza li jikkompetu għall-akkuratezza u l-effiċjenza biex jiksbu l-aħjar riżultat ġenerali ta' tqabbil;

Or. en

Emenda 380
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-mezz ta' komunikazzjoni sigur li jippermetti lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jikkomunikaw fi ħdan il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	(f) il-mezz ta' komunikazzjoni sigur li jippermetti lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jikkomunikaw fi ħdan il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***, u li jippermetti li jsiru testijiet tal-ħiliet u intervisti direttament fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***.

Or. en

Emenda 381
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) għodod fakultattivi għal kontroll preventiv biex jivverifikaw il-ħiliet u l-kwalifiki tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg;

Or. en

Emenda 382
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) moduli fakultattivi għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid biex jitjiebu l-impjegabbiltà u l-adattabbiltà ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 383
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fc) qafas standardizzat ta' referenza, li jitjieb kontinwament, għal valutazzjoni standardizzata biex jaċċelera u jarmonizza l-kontroll preventiv tal-ħiliet u tal-kwalifiki fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 384
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt fd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fd) mekkaniżmi biex jivverifikaw il-profili ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u jidentifikaw profili frawdolenti;

Or. en

Emenda 385
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun fiha informazzjoni pubblika dwar il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, kif ukoll informazzjoni dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ u immigrazzjoni u mekkaniżmi ta' rimedju. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta billi skemi jew pjattaformi nazzjonali rilevanti li jkun fihom din l-informazzjoni jiġu kollegati ma' xulxin.

Or. en

Emenda 386
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. It-tfassil u l-funzjonament tal-pjattaforma tal-IT għandhom jiżguraw li l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil ma twassalx għar-ripetizzjoni ta' preġudizzji jew prattiki diskriminatorji eżistenti.

Or. en

Emenda 387
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-istandards tekniċi meħtieġa għall-iskambju tad-data, il-formati tad-data, inklużi l-ESCO, il-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-formati tal-profili għall-persuni li qed ifittxu impjieg. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).	3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-istandards tekniċi meħtieġa għall-iskambju tad-data, il-formati tad-data, inklużi l-ESCO, il-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-formati tal-profili għall-persuni li ***jkunu*** qed ifittxu impjieg***, billi tuża sistema flessibbli u adattabbli li tqis l-ispeċifiċitajiet tax-xogħol, soċjali u ekonomiċi u l-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

Or. el

Emenda 388
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-istandards tekniċi meħtieġa għall-iskambju tad-data, il-formati tad-data, inklużi l-ESCO, il-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-formati tal-profili għall-persuni li qed ifittxu impjieg. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).	3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-istandards tekniċi ***jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICTs*** meħtieġa għall-iskambju tad-data, il-formati tad-data, inklużi l-ESCO, il-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-formati tal-profili għall-persuni li qed ifittxu impjieg. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

Or. en

Emenda 389
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-istandards tekniċi meħtieġa għall-iskambju tad-data, il-formati tad-data, inklużi l-ESCO, il-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-formati tal-profili għall-persuni li qed ifittxu impjieg. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).	3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-istandards tekniċi meħtieġa għall-iskambju tad-data, il-formati tad-data, inklużi l-ESCO, ***il-Europass,*** il-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-formati tal-profili għall-persuni li qed ifittxu impjieg. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

Or. en

Emenda 390
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri parteċipanti u s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà teknika bejn is-sistemi nazzjonali u l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiżgura l-interfaċċa ma' strumenti u servizzi rilevanti oħrajn offruti fil-livell tal-Unjoni, fejn xieraq.	4. L-Istati Membri parteċipanti u s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà teknika bejn is-sistemi nazzjonali u l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiżgura l-interfaċċa ma' strumenti u servizzi rilevanti oħrajn offruti fil-livell tal-Unjoni, fejn xieraq. ***Għall-programmazzjoni tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, il-komponenti tal-IT tal-EURES għandhom jerġgħu jintużaw meta fattibbli.***

Or. en

Emenda 391
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-Istati Membri parteċipanti u s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà teknika bejn is-sistemi nazzjonali u l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent ***tal-UE*** għandu jiżgura l-interfaċċa ma' strumenti u servizzi rilevanti oħrajn offruti fil-livell tal-Unjoni, fejn xieraq.	4. ***Ir-Riżerva ta' Talenti tal-UE għandha tippermetti lill-persuna li tkun qed tfittex impjieg biex tesporta d-data tal-profil tagħha f'format strutturat, użat b'mod komuni u jista' jinqara mill-magni, li jippermettilha tittrażmetti d-data lil inizjattivi ta' portali għat-tiftix ta' impjiegi pubbliċi jew privati oħrajn***. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent għandu jiżgura l-interfaċċa ma' strumenti u servizzi rilevanti oħrajn offruti fil-livell tal-Unjoni, fejn xieraq. ***Kull fejn iseħħ trasferiment ta' data, għandu japplika l-GDPR.***

Or. en

Emenda 392
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ***parteċipanti*** u s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà teknika bejn is-sistemi nazzjonali u l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiżgura l-interfaċċa ma' strumenti u servizzi rilevanti oħrajn offruti fil-livell tal-Unjoni, fejn xieraq.	4. L-Istati Membri u s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà teknika bejn is-sistemi nazzjonali u l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiżgura l-interfaċċa ma' strumenti u servizzi rilevanti oħrajn offruti fil-livell tal-Unjoni, fejn xieraq.

Or. en

Emenda 393
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. It-tfassil tal-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jipprovdi interfaċċa faċli għall-utenti u moderna għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi biex tiffaċilita l-aċċess u r-reġistrazzjoni tal-persuni li qed ifittxu impjieg kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-impjegaturi. It-tfassil tal-pjattaforma għandha ttejjeb l-effiċjenza tal-proċess tat-tiftix u tqabbil.

Or. en

Emenda 394
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jista' jipproċessa d-data personali ***ta' persuni*** rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ***dawk*** tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biss sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 8. Meta jipproċessaw id-data personali għal dan il-għan, is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jaġixxi bħala kontrollur tad-data, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725.	1. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jista' jipproċessa d-data personali ***bil-kunsens espliċitu tal-persuni*** rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ***dik*** tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biss sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 8. Meta jipproċessaw id-data personali għal dan il-għan, is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jaġixxi bħala kontrollur tad-data, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725.

Or. en

Emenda 395
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi ***u*** professjonali, l-esperjenza tax-xogħol***, ħiliet oħrajn*** u għarfien tal-lingwa. ***Il-postijiet*** tax-xogħol ***vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva*** ta' Talent tal-UE ***għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt***.	3. Il-profili ***bażiċi*** tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità ***u, skont il-każ***, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi ***u/jew*** professjonali, l-esperjenza tax-xogħol u għarfien tal-lingwa. ***Persuna rreġistrata li qed tfittex impjieg tista' tipprovdi informazzjoni addizzjonali biex tgħin ittejjeb l-akkuratezza tat-tqabbil, inklużi informazzjoni addizzjonali dwar kwalifiki akkademiċi u professjonali, esperjenza*** tax-xogħol***, ħiliet oħra u elementi relatati għall-impjieg u pajjiżi ta' preferenza. Is-Segretarjat tar-Riżerva*** ta' Talent tal-UE ***għandu jiżgura li l-għodda għall-bini tal-profil huma sempliċi u faċli għall-utent***.

Or. en

Emenda 396
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u għarfien tal-lingwa. ***Il-postijiet tax-xogħol vakanti*** tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt.	3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, ***id-disponibbiltà,*** informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u għarfien tal-lingwa. ***Il-profili*** tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu l-isem ***tal-organizzazzjoni jew tal-kumpanija, kif ukoll l-isem***, il-kunjom ***u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna ta' kuntatt responsabbli għar-Riżerva ta' Talenti. Il-postijiet tax-xogħol vakanti għandhom jinkludu l-pożizzjoni, l-impjegatur, il-perjodu ta' żmien, id-***

deskrizzjoni tal-impjieg, u d-dettalji ta' kuntatt.

Or. en

Emenda 397
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u għarfien tal-lingwa. ***Il-postijiet tax-xogħol vakanti*** tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt.	3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u għarfien tal-lingwa. ***Il-profili*** tal-impjegaturi ***rreġistrati*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***u l-postijiet tax-xogħol vakanti*** għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt***, is-settur tal-attività, id-deskrizzjoni tal-operazzjonijiet u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija***.

Or. en

Emenda 398
Lukas Mandl

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u	3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u

għarfien tal-lingwa. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt.

għarfien tal-lingwa. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt. ***L-informazzjoni kollha għandha tal-anqas tkun disponibbli bl-Ingliż.***

Or. en

Emenda 399
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u għarfien tal-lingwa. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt.	3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità ***jew in-nazzjonalitajiet***, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u għarfien tal-lingwa. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom u d-dettalji ta' kuntatt.

Or. en

Emenda 400
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-profili tal-impjegaturi rreġistrati u l-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talenti tal-UE għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, in-numru tar-reġistrazzjoni legali, is-settur

	tal-attività, u deskrizzjoni qasira tal-attivitajiet tal-impjegatur.

Or. en

Emenda 401
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data personali rreġistrata fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jew trażmessa lilha f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tiġi indiċjata, maħżuna u magħmula disponibbli hemmhekk biss għal finijiet ta' tiftix u tqabbil. Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandu jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom.	5. Id-data personali rreġistrata fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jew trażmessa lilha f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tiġi indiċjata, maħżuna u magħmula disponibbli hemmhekk biss għal finijiet ta' tiftix u tqabbil. Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandu jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom***, inkluż li jirrikjedu, fi kwalunkwe ħin, it-tħassir jew il-modifika tad-data personali tagħhom fil-profili tagħhom***.

Or. en

Emenda 402
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data personali rreġistrata fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jew trażmessa lilha f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tiġi indiċjata, maħżuna u magħmula disponibbli hemmhekk biss għal finijiet ta' tiftix u tqabbil***. Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandu***	5. Id-data personali rreġistrata fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jew trażmessa lilha f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tiġi indiċjata, maħżuna u magħmula disponibbli hemmhekk biss għal finijiet ta' tiftix u tqabbil***, kif ukoll għall-awtoritajiet ta' sigurtà tal-Istati Membri***.

jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom.

Or. sv

Emenda 403
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data personali rreġistrata fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jew trażmessa lilha f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tiġi indiċjata, maħżuna u magħmula disponibbli hemmhekk biss għal finijiet ta' tiftix u tqabbil. Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandu jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom.	5. Id-data personali rreġistrata fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jew trażmessa lilha f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tiġi indiċjata, maħżuna u magħmula disponibbli hemmhekk biss għal finijiet ta' tiftix u tqabbil. Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandu jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom***, inkluż fir-rigward ta' min jista' jkollu l-aċċess għaliha u għal liema skop***.

Or. en

Emenda 404
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data personali rreġistrata fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jew trażmessa lilha f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tiġi indiċjata, maħżuna u magħmula disponibbli hemmhekk biss għal finijiet ta' tiftix u tqabbil. Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandu	5. Id-data personali rreġistrata fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jew trażmessa lilha f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tiġi indiċjata, maħżuna u magħmula disponibbli hemmhekk biss għal finijiet ta' tiftix u tqabbil. Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandu

jkollhom id-dritt li ***jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex*** jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom.	jkollhom id-dritt li jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom.

Or. en

Emenda 405
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' sentejn mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom jitneħħew ***jew jiġu anonimizzati*** u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' sentejn ***u dawk tal-impjegaturi li ma jkunux intużaw għal perjodu ta' tliet snin*** mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom jitneħħew u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. ***Sid il-profil għandu jiġi nnotifikat dwar it-tneħħija mhux aktar tard minn xahar qabel.*** Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Għall-profili ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg, data dwar in-nazzjonalità, l-okkupazzjoni mixtieqa jew dik attwali, il-pussess ta' permess tas-Shubija ta' Talent, it-tul ta' żmien li l-profil ġie rreġistrat fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-għadd ta' żjarat fuq il-pjattaforma, l-għadd ta' konkordanzi mal-impjegaturi, u l-għadd ta' kollokamenti f'impjieg iffaċilitati jistgħu jinħażnu. Għall-profili tal-impjegaturi, id-data dwar l-Istat Membru li jkunu bbażati fih, is-settur, l-għadd ta' żjarat fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-għadd ta' konkordanzi ma' persuni li qed ifittxu impjieg, u l-għadd ta' kollokamenti f'impjieg iffaċilitati jistgħu jinħażnu.***

Or. en

Emenda 406
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' sentejn mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' sentejn mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. ***Il-persuni kkonċernati li qed ifittxu impjieg għandhom jiġu infurmati xahrejn qabel it-tneħħija tal-profil li l-profili tagħhom għandhom jitneħħew jekk jsirx aċċess għall-profil matul dak il-perjodu. Il-profili tal-impjegaturi rreġistrati li ma jkunx sar aċċess għalihom għal perjodu ta' sentejn mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom, għandhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. L-impjegaturi kkonċernati għandhom jiġu infurmati xahrejn qabel it-tneħħija tal-profil tagħhom li l-profili tagħhom se jitneħħew jekk ma jkunx sar aċċess għall-profil matul dak il-perjodu.*** Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 407
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' sentejn mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom ***jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali***. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' sentejn mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom ***jitħassru wara li l-utent ikun ġie infurmat u fi żmien ġimagħtejn ma jkunx oġġezzjona għat-tneħħija tal-profil jew ikun aġġorna l-profil. Jekk l-utent jaġġorna l-profil, il-profil għandu jinżamm għal sentejn oħra***. Ladarba l-profili jitneħħew, ***id-data personali kollha għandha tiġi mħassra, filwaqt li*** sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***L-utenti għandhom id-dritt jitolbu li jitħassru l-profil u d-data personali tagħhom fi kwalunkwe mument.***

Or. en

Emenda 408
Lukas Mandl

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' sentejn mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom ***jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen*** l-ebda data personali. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati ***mill-impjegatur*** għal perjodu ta' sentejn mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom ***jiġu mfakkra awtomatikament biex jaġġornaw jew ineħħu l-profil tagħhom. Jekk dan ma jsirx fi żmien xahar mit-tfakkira, il-profil għandu jitneħħa jew jiġi annonimizzat u*** l-ebda data personali ***m'għandha tinħażen***. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif

	ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 409
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' ***sentejn*** mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' ***sena*** mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. el

Emenda 410
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' ***sentejn*** mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka	6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' ***sena*** mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u

u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 411
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-postijiet vakanti għandhom jiġu riežaminati fuq bażi regolari u jitneħħew awtomatikament f'każijiet li jkunu mtlew.

Or. en

Emenda 412
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jagħmel id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jippartečipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għal tfittxijiet u tqabbil fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	7. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jagħmel id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ***l-profili u*** l-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jippartečipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għal tfittxijiet u tqabbil fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 413
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandha tkun aċċessibbli biss għall-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***u għall-Punti*** ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Id-data tal-impjegaturi ***li*** jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tkun aċċessibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, ***u għall-Punti*** ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	8. Id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandha tkun aċċessibbli biss għall-impjegaturi ***u għall-intermedjarji*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***fil-Punti*** ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***u, meta mitlub mill-persuna li qed tfittex impjieg, għall-algoritmi tat-tqabbil tal-parti terza***. Id-data tal-impjegaturi ***u tal-intermedjarji li qed*** jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tkun aċċessibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, ***lill-Punti*** ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***, u meta l-impjegatur parteċipanti jagħżel biex jużahom, l-algoritmi tat-tqabbil tal-parti terza***.
	Or. en

Emenda 414
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandha tkun aċċessibbli biss għall-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***u għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***. Id-data tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tkun aċċessibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, u għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	8. Id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandha tkun aċċessibbli biss għall-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***kif ukoll għas-servizzi tas-sigurtà tal-Istati Membri kollha***. Id-data tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tkun aċċessibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, u għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
	Or. sv

Emenda 415
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, aktar dispożizzjonijiet dwar id-data personali li għandha tiġi pproċessata u inkluża fil-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).	***imħassar***

Or. sv

Emenda 416
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, aktar dispożizzjonijiet dwar id-data personali li għandha tiġi pproċessata u inkluża fil-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet	9. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, aktar dispożizzjonijiet dwar id-data personali li għandha tiġi pproċessata u inkluża fil-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet

għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tqabbil b'suċċess hija aċċessibbli.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

Or. en

Emenda 417
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha tadotta***,*** ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni,*** aktar dispożizzjonijiet dwar id-data personali li għandha tiġi pproċessata u inkluża fil-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).***	9. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21 sabiex tistabbilixxi*** aktar dispożizzjonijiet dwar id-data personali li għandha tiġi pproċessata u inkluża fil-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 418

Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***, aktar dispożizzjonijiet dwar id-data personali li għandha tiġi pproċessata u inkluża fil-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati f'konformità ***mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3)***.	9. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ***delegati***, aktar dispożizzjonijiet dwar id-data personali li għandha tiġi pproċessata u inkluża fil-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati f'konformità ***mal-Artikolu 21***.

Or. en

Emenda 419
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Kapitolu III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
GOVERNANZA	***imħassar***

Or. sv

Emenda 420
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE	
1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	
2. Is-Segretarjat għandu jkun responsabbli biex:	
(a) jiżgura l-ġestjoni ġenerali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inklużi l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	
(b) jistabbilixxi u jiġġestixxi l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u s-servizzi tal-IT relatati meħtieġa għall-funzjonament tagħha, b'mod partikolari bl-użu tal-infrastruttura teknika diġà disponibbli fil-livell tal-Unjoni, fejn rilevanti;	
(c) jippubblika l-informazzjoni rilevanti fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 3(3), l-Artikolu 10(2), il-punt (f), l-Artikolu 12(5), (6) u (7), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2);	
(d) iħejji l-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	
(e) jiġbor id-data rilevanti għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 20;	
(f) ilaqqa' laqgħat regolari tan-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 10 biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni teknika fil-livell nazzjonali ta' dan ir-Regolament.	

Or. sv

Emenda 421
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi ***lis-Segretarjat*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Il-Kummissjoni***, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri,*** għandha tipprovdi ***s-Segretarjat*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. fr

Emenda 422
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżgura l-ġestjoni ġenerali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inklużi l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(a) jiżgura l-ġestjoni ġenerali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inklużi l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***, bħall-kampanji ta' sensibilizzazzjoni***;

Or. en

Emenda 423
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) japprova, jikkoordina u jimmonitorja l-aċċess u l-użu ta' data ta' servizzi addizzjonali mmirati biex itejbu t-tqabbil;

Or. en

Emenda 424

Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jippubblika l-informazzjoni rilevanti fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu ***3(3)***, l-Artikolu 10(2), il-punt (f), l-Artikolu 12(5), (6) u (7), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2);	(c) jippubblika l-informazzjoni rilevanti fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu ***3(2)***, l-Artikolu 10(2), il-punt (f), l-Artikolu 12(5), (6) u (7), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2);

Or. en

Emenda 425
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jippubblika l-informazzjoni rilevanti fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 3(3), l-Artikolu 10(2), il-punt (f), l-Artikolu 12(5), (6) u (7), ***l-Artikolu 14(2)*** u l-Artikolu ***15(2)***;	(c) jippubblika l-informazzjoni rilevanti fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 3(3), l-Artikolu 10(2), il-punt (f), l-Artikolu 12(5), (6) u (7), u l-Artikolu ***15***;

Or. en

Emenda 426
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c a) ifassal u jqiegħed fis-seħħ l-attivitajiet komprensivi ta' reklamar u kampanji ta' informazzjoni fil-pajjiżi terzi biex jistabbilixxi r-Riżerva ta' Talent tal-

UE bħala marka globali;

Or. en

Emenda 427
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jiżviluppa linji gwida dwar il-prattiki etiċi ta' reklutaġġ li jagħtu prijorità lil setturi u okkupazzjonijiet li fihom ir-reklutaġġ ma jfixkilx b'mod sinifikanti l-prospettivi ta' żvilupp tal-pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 428
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiġbor id-data rilevanti ***għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 20;	(e) jiġbor id-data rilevanti ***u jissorvelja l-monitoraġġ u l-prestazzjoni*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 20;

Or. en

Emenda 429
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jiżviluppa u japprova l-qafas ta'

referenza standardizzat għal kontroll preventiv ta' ħiliet u kwalifiki fi ħdan ir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 430
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***ilaqqa' laqgħat regolari tan-Network*** tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***msemmija fl-Artikolu 10*** biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni teknika fil-livell nazzjonali ta' dan ir-Regolament.	(f) ***jikkonvoka konsultazzjonijiet pubbliċi, li jlaqqgħu n-Network*** tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***u l-impjegaturi, inklużi negozji iżgħar,*** biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni teknika fil-livell nazzjonali ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 431
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jiżgura li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu informazzjoni suffiċjenti u servizzi ta' appoġġ lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-Artikolu 17;

Or. en

Emenda 432
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Kompożizzjoni tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE
	1. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun magħmul minn:
	(a) żewġ membri minn kull Stat Membru parteċipanti;
	(b) żewġ membri li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni;
	(c) erba' membri li jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali transindustrijali fil-livell tal-Unjoni, b'rappreżentanza ugwali ta' trade unions u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi;
	(d) żewġ esperti mill-Parlament Ewropew bħala osservaturi.
	2. Il-membri tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinħatru abbażi tal-għarfien rilevanti tagħhom fil-qasam tal-impjiegi u tal-immigrazzjoni.
	3. L-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala osservaturi.
	4. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jista' jistieden lil partijiet ikkonċernati rilevanti bħala rappreżentanti tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali u tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ biex jipparteċipaw fil-laqgħat tiegħu bħala osservaturi.
	5. Meta jokkupaw tali kariga, kull membru tal-Grupp ta' Tmexxija tar-

	Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiffirma dikjarazzjoni bil-miktub li tindika li mhuwiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess. Kull membru għandu jaġġorna d-dikjarazzjoni fil-każ ta' bidla fiċ-ċirkostanzi fir-rigward ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika d-dikjarazzjonijiet u l-aġġornamenti fuq is-sit web tiegħu.

Or. en

Emenda 433
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE	***Il-funzjonijiet tal-Grupp*** ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE

Or. en

Emenda 434
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE huwa stabbilit. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE huwa responsabbli biex:	***imħassar***
(a) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fit-tħejjija tal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 14;	
(b) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Riżerva	

ta' Talent tal-UE;

(c) jiffaċilita l-ġbir tad-data rilevanti għall-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 20;

(d) jiddiskuti l-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 19.

Or. sv

Emenda 435
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE huwa ***stabbilit. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE huwa*** responsabbli biex:	1. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE huwa responsabbli biex:

Or. en

Emenda 436
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fit-tħejjija tal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 14;	***imħassar***

Or. en

Emenda 437
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fit-tħejjija tal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 14;	***imħassar***

Or. en

Emenda 438
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fit-tħejjija tal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 14;	***imħassar***

Or. en

Emenda 439
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fit-tħejjija tal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 14;	(a) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fit-tħejjija tal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 14 ***u jiżgura skambju tal-aqwa prattiki fost l-Istati Membri rigward l-istabbiliment, il-kontenut, u l-aġġornament ta' listi***

nazzjonali;

Or. en

Emenda 440
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fit-tħejjija tal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 14;	(a) ***jidentifika setturi b'rekwiżiti ta' ħiliet uniformi u bi skarsezzi urġenti,*** jipprovdi appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fit-tħejjija tal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 14;

Or. en

Emenda 441
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jaġġorna l-Annessi nazzjonali tal-okkupazzjoni neqsin mill-ħaddiema f'konformità mal-Artikolu 15;

Or. en

Emenda 442
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(ba) jipprovdi sorveljanza u appoġġ lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fir-rigward ta' attivitajiet komprensivi ta' reklamar u kampanji ta' informazzjoni f'pajjiżi terzi skont l-Artikolu 8(2)(ca);

Or. en

Emenda 443
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiffaċilita l-ġbir tad-data rilevanti għall-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 20;	(c) jiffaċilita l-ġbir tad-data rilevanti għall-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 20***, inkluż il-ġbir ta' feedback wara t-tqabbil biex jinsiltu lezzjonijiet għall-futur***;

Or. en

Emenda 444
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiddiskuti l-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 19.	***imħassar***

Or. en

Emenda 445
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiddiskuti l-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-immigrazzjoni ***aċċellerati*** biex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 19.	(d) jiddiskuti ***u jiskambja prattiki rigward*** l-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-immigrazzjoni ***aċċelerati*** biex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 19.

Or. en

Emenda 446
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jivvaluta r-riskju ta' eżodu ta' mħuħ fil-pajjiżi terzi sħab u, jekk tali riskju jista' jiġi stabbilit, jinnotifika l-awtoritajiet rilevanti f'dak il-pajjiż terz;

Or. en

Emenda 447
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) jimmonitorja l-konformità mal-istandards tax-xogħol eżistenti li jirriżultaw minn ftehimiet kollettivi u mil-liġi u mill-prattiki nazzjonali rilevanti u tal-UE;

Or. en

Emenda 448
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dc) jitwettaq rieżami annwali tal-operazzjonijiet tar-Riżerva ta' Talenti tal-UE, inkluż valutazzjoni tal-impatt tiegħu fuq id-drittijiet tal-ħaddiema u l-istandards tax-xogħol.

Or. en

Emenda 449
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri parteċipanti biss għandhom ikunu membri tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala osservaturi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 450
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri parteċipanti biss għandhom ikunu membri tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-	2. L-Istati Membri parteċipanti biss għandhom ikunu membri tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-

Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala osservaturi.	Istati Membri ***għandhom jiġu rrappreżentati minn esperti fil-qasam tal-impjiegi u tal-migrazzjoni. L-Istati Membri*** li ma jkunux qed jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala osservaturi.

Or. en

Emenda 451
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***parteċipanti biss għandhom ikunu membri tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat*** tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***bħala osservaturi***.	2. L-Istati Membri ***u l-punti ta' kuntatt nazzjonali tagħhom, skont l-Artikolu 10, għandhom ikunu membri*** tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 452
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istati Membri parteċipanti biss għandhom ikunu membri tal-Grupp*** ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***. L-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala osservaturi***.	2. ***Il-Grupp*** ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***għandu jikkonsisti minn żewġ rappreżentanti għal kull Stat Membru***.

Or. en

Emenda 453
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiltaqa' darbtejn fis-sena, jew fuq bażi ad hoc meta jkun meħtieġ. Il-laqgħat għandhom jissejħu u jiġu ppreseduti mill-Kummissjoni.	3. Il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiltaqa' ***mill-inqas*** darbtejn fis-sena, jew fuq bażi ad hoc meta jkun meħtieġ. Il-laqgħat għandhom jissejħu u jiġu ppreseduti mill-Kummissjoni ***u mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent***.

Or. en

Emenda 454
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali trans-industrijali fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta' żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.	***imħassar***

Or. en

Emenda 455
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali trans-industrijali fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta' żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.	***imħassar***

Or. en

Emenda 456
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Ir-rappreżentanti*** tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali ***trans-industrijali*** fil-livell tal-Unjoni ***għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat*** tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Ir-rappreżentanza ta' żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp*** ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom	4. ***Erba' rappreżentanti*** tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali ***transindustrijali u settorjali*** fil-livell tal-Unjoni***, maħtura minn dawk l-organizzazzjonijiet, b'rappreżentanza ugwali ta' trade unions u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, għandhom ikunu membri attivi*** tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Ir-rappreżentanti tas-sħab soċjali settorjali fil-livell tal-Unjoni kif ukoll l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-***

jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.

migranti għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***bħala osservaturi***. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess. ***Ir-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi kkonċernati mir-Riżerva ta' Talent tal-UE kif ukoll mit-trade unions f'dawk il-pajjiżi għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.***

Or. en

Emenda 457
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali trans-industrijali fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw ***bħala osservaturi*** fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta' żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Dawk*** ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.	4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali trans-industrijali fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta' żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Żewġ rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu direttament mal-ħaddiema migranti u/jew li jirrappreżentaw komunitajiet migranti għandhom ukoll jipparteċipaw fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-OECD jew l-IOM, jistgħu jkunu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija.*** Ir-rappreżentanti ***kollha*** għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex

f’sitwazzjoni ta’ kunflitt ta’ interess.

Or. en

Emenda 458
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali trans-industrijali fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta’ Tmexxija tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta’ żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta’ Tmexxija tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f’sitwazzjoni ta’ kunflitt ta’ interess.	4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali trans-industrijali fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta’ Tmexxija tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta’ żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta’ Tmexxija tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f’sitwazzjoni ta’ kunflitt ta’ interess. ***Ir-rappreżentanti mill-pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni ffirmat Sħubijiet ta’ Talent jistgħu jkunu mistiedna għal laqgħat speċifiċi.***

Or. en

Emenda 459
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali ***trans-industrijali*** fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta’	4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali***, bħal organizzazzjonijiet tan-negozju, trade unions u assoċjazzjonijiet professjonali,*** fil-livell tal-Unjoni għandu jkollhom id-

Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta' żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.	dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta' żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet ***professjonali u*** tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.
	Or. es

Emenda 460
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Grupp ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' konsultazzjoni formali mat-trade unions biex jiġbru feedback regolari dwar il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-impatt tagħha fuq is-suq tax-xogħol u fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol.
	Or. en

Emenda 461
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE	
1. Kull Stat Membru parteċipanti għandu	

jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni jinħatru bħala l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

2. Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun responsabbli biex:

(a) jiffaċilita l-funzjonament tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fil-livell nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 5;

(b) jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE permezz tal-mezz ikkoordinat uniku u jiffaċilita t-tqabbil bejn il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE l-lista nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema darba fis-sena u kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 15;

(d) iżomm reġistru tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

(e) jissospendi l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;

(f) jipprovdi informazzjoni lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar il-proċeduri ta' immigrazzjoni u rikonoxximent fil-livell nazzjonali, inkluż

fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni u data rilevanti għall-monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kif stabbilit fl-Artikolu 20;

(g) jipprovdi informazzjoni u servizzi ta' appoġġ lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-Artikolu 17.

3. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE minn kull Stat Membru parteċipanti għandhom jissejħu regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fin-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. sv

Emenda 462
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru ***parteċipanti*** għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri ***parteċipanti*** għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni jinħatru bħala l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Kull Stat Membru għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni jinħatru bħala l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***sabiex jittejbu s-sinerġiji bejn dawk l-awtoritajiet***.

Or. en

Emenda 463
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru ***parteċipanti*** għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri ***parteċipanti*** għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni jinħatru bħala ***l-Punti*** ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Kull Stat Membru għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni***, bħas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi,*** jinħatru bħala ***membri tal-Punt*** ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 464
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru parteċipanti għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni jinħatru ***bħala l-Punti*** ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Kull Stat Membru parteċipanti għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni jinħatru ***lill-Punt*** ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***tagħhom***.

Or. en

Emenda 465
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru parteċipanti għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali	1. Kull Stat Membru parteċipanti għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali

tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE***. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li*** l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni ***jinħatru bħala l-Punti ta’ Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE***.	tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE***, li jinvolvi*** l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni***, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi kif ukoll is-sħab soċjali fil-livell nazzjonali***.

Or. en

Emenda 466
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Punt ta’ Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandu jkun responsabbli biex:	***imħassar***
(a) jiffaċilita l-funzjonament tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE fil-livell nazzjonali f’konformità mal-Artikolu 5;	
(b) jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE permezz tal-mezz ikkoordinat uniku u jiffaċilita t-tqabbil bejn il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE;	
(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE l-lista nazzjonali ta’ okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema darba fis-sena u kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta’ okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 15;	
(d) iżomm reġistru tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE;	
(e) jissospendi l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-	

Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;

(f) jipprovdi informazzjoni lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar il-proċeduri ta' immigrazzjoni u rikonoxximent fil-livell nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni u data rilevanti għall-monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kif stabbilit fl-Artikolu 20;

(g) jipprovdi informazzjoni u servizzi ta' appoġġ lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-Artikolu 17.

Or. sv

Emenda 467
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE permezz tal-mezz ikkoordinat uniku u jiffaċilita t-tqabbil bejn il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(b) jittrasferixxi ***l-profili kollha tal-impjegaturi u*** l-postijiet tax-xogħol vakanti ***li jaqgħu fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha stabbilita fl-Artikolu 14 u l-aġġustamenti nazzjonali f'dik il-lista skont l-Artikolu 15 (1)*** għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE permezz tal-mezz ikkoordinat uniku u jiffaċilita t-tqabbil bejn il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 468
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE permezz tal-mezz ikkoordinat uniku u jiffaċilita t-tqabbil bejn il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(b) jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***kif stabbilit fl-Artikolu 13,*** permezz tal-mezz ikkoordinat uniku u jiffaċilita t-tqabbil bejn il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi ***u l-intermedjarji*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 469
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE l-lista nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema darba fis-sena u kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 15;	(c) ***wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali nazzjonali,*** jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE l-lista nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema darba fis-sena u kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 15;

Or. en

Emenda 470
Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE l-lista nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema darba fis-sena ***u kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE*** skont l-Artikolu 15;	(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE l-lista nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema darba fis-sena skont l-Artikolu 15;

Or. en

Emenda 471
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE l-lista nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema darba fis-sena u kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 15;	(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE l-lista nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema ***fi kwalunkwe mument meta jkun hemm bidliet imma tal-anqas*** darba fis-sena u kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 15;

Or. en

Emenda 472
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***l-lista*** nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema darba fis-sena u kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-	(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***bil-lista*** nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema ***tal-anqas*** darba fis-sena u ***bi*** kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema

Artikolu 15;	fl-UE skont l-Artikolu 15;

Or. en

Emenda 473
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***l-lista*** nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema ***darba fis-sena*** u kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 15;	(c) jinnotifika lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***bil-lista*** nazzjonali ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema u ***bi*** kwalunkwe aġġustament nazzjonali fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE skont l-Artikolu 15;

Or. en

Emenda 474
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) iżomm reġistru tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(d) ***jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni u għall-parteċipazzjoni kif ukoll*** iżomm reġistru tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***u jissorvelja l-kwalità tal-postijiet tax-xogħol vakanti, inkluża d-dispożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 13(3)***;

Or. en

Emenda 475
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) iżomm reġistru tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(d) ***jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni u għall-parteċipazzjoni kif ukoll*** iżomm reġistru ***pubbliku*** tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 476
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***iżomm*** reġistru tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(d) ***jikkontrolla bir-reqqa u japprova l-impjegaturi u l-intermedjarji skont l-Artikolu 13, u jżomm*** reġistru ***pubbliku*** tal-impjegaturi ***u tal-intermedjarji approvati*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 477
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***iżomm*** reġistru tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(d) ***jivverifika l-konformità ma' rekwiżiti għar-reġistrazzjoni u għall-parteċipazzjoni u jżomm*** reġistru tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 478
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) iżomm reġistru tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(d) iżomm reġistru tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***abbażi tal-profili tal-impjegaturi rreġistrati fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***;

Or. en

Emenda 479
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***jissospendi*** l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur ***tal-liġi*** u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;	(e) ***jipprojbixxi*** l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur ***tal-istandards tax-xogħol applikabbli li jirriżultaw minn ftehimiet kollettivi u l-liġi*** u l-prattika ***nazzjonali u tal-UE*** rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;

Or. en

Emenda 480
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jissospendi l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;	(e) jissospendi l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika ***nazzjonali*** rilevanti ***filwaqt li japplika l-prinċipju tal-proporzjonalità***;

Or. en

Emenda 481
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***jissospendi*** l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) ***lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE*** mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;	(e) ***ineħħi*** l-aċċess tal-impjegaturi ***u tal-intermedjarji tas-suq tax-xogħol*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***, kif ukoll kwalunkwe waħda mill-partijiet skont l-Artikolu 7,*** f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) ***li jinstab*** mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;

Or. en

Emenda 482
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jissospendi l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;	(e) jissospendi l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali ***jew mis-sħab soċjali*** rilevanti ***u*** responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;

Or. en

Emenda 483
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jissospendi l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;	(e) jissospendi l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi ***l-profili u*** l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;

Or. en

Emenda 484
Lukas Mandl

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) jissospendi l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;	(e) jissospendi ***temporanjament*** l-aċċess tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ li jiġi nnotifikat ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti;

Or. en

Emenda 485
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) iżomm reġistru pubblikament disponibbli ta' impjegaturi li jkunu ġew eskluży b'mod permanenti mir-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 486
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jipprovdi informazzjoni lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar il-proċeduri ta' immigrazzjoni u rikonoxximent fil-livell nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni u data rilevanti għall-monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kif stabbilit fl-Artikolu 20;	(f) jipprovdi informazzjoni lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar il-proċeduri ta' immigrazzjoni u rikonoxximent fil-livell nazzjonali ***jew skont id-Direttiva (UE) 2024/1233***, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni ***jew kwalunkwe sospensjoni tiegħu skont proċedura ta' immigrazzjoni***

	aċċelerata u data rilevanti għall-monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kif stabbilit fl-Artikolu 20;

Or. en

Emenda 487
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ifassal listi ta' ċertifikati ta' ħiliet u kwalifiki professjonali miksuba tul il-ħajja maħruġa minn assoċjazzjonijiet professjonali u/jew istituzzjonijiet ta' tagħlim tul il-ħajja li l-persuni li qed ifittxu impjieg jistgħu jżidu kif stabbilit fl-Artikolu 12(3)(c)

Or. es

Emenda 488
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE minn kull Stat Membru ***parteċipanti*** għandhom jissejħu regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fin-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.	3. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE minn kull Stat Membru għandhom jissejħu regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fin-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 489
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-sħab soċjali nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti għandhom ikunu involuti mill-qrib fix-xogħol tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali permezz tal-istrutturi nazzjonali rispettivi.

Or. en

Emenda 490
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reġistrazzjoni u l-aċċess ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi	Reġistrazzjoni u l-aċċess ta' persuni ***bi kwalifiki għoljin*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi

Or. en

Emenda 491
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reġistrazzjoni ***u l-aċċess*** ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi	Reġistrazzjoni***, verifika u aċċess*** ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi

Or. en

Emenda 492
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu joħolqu l-profili tagħhom permezz tal-bennej tal-profil tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu joħolqu l-profili tagħhom permezz tal-bennej tal-profil tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Ir-reġistrazzjoni għandha tkun soġġetta għall-għarfien ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Diploma rikonoxxuta b'mod internazzjonali li tiċċertifika livell meħtieġ ta' għarfien tal-lingwa għandha tkun ipprovduta għal dan l-iskop.***

Or. fr

Emenda 493
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu joħolqu l-profili tagħhom permezz ***tal-bennej*** tal-profil tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu joħolqu l-profili tagħhom permezz ***ta' kontribut manwali, importazzjoni tas-CV, il-bennej*** tal-profil tal-Europass***, Għodda tal-UE għall-Profili tal-Ħiliet għaċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi, jew kwalunkwe integrazzjoni oħra approvata mis-Segretarjat,*** sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 494
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***jistgħu*** joħolqu l-profili tagħhom permezz tal-bennej tal-profil tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***li jixtiequ jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom*** joħolqu l-profili tagħhom permezz tal-bennej tal-profil tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 495
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***jistgħu*** joħolqu l-profili tagħhom permezz tal-bennej tal-profil tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***jeħtiġilhom*** joħolqu l-profili tagħhom permezz tal-bennej tal-profil tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. el

Emenda 496
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li	***imħassar***

ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE.

Or. en

Emenda 497
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE.	2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE. ***Jekk tali profil diġà huwa reġistrat fuq il-pjattaforma tal-IT, dan jenħtieġ li jitħassar. Anke meta proċedimenti ġudizzjarji kontra persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz jispiċċaw u l-azzjoni legali tkun ingħalqet, l-eskluzzjoni tagħhom mill-pjattaforma għandha tibqa' fis-seħħ.***

Or. fr

Emenda 498
Tomáš Zdechovský, Krzysztof Brejza

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE.	2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE. ***Barra minn hekk, aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal individwi li jkunu jistgħu jipprovdu ċertifikat tar-rekord kriminali, li jiżgura sigurtà msaħħa u jiffaċilita l-verifika tal-isfond kriminali aktar bir-reqqa.***

Or. en

Emenda 499
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***għandu jkun*** limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu ***li ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE.***	2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***ma għandux ikun*** limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu***:***

Or. en

Emenda 500
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE.	2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu ***u jistgħu jagħtu prova b'modijiet ta' estratti li huma faċilment verifikabbli minn rekords*** li ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE***, u jistgħu, għaldaqstant, jagħtu prova li huma ta' reputazzjoni tajba fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom***.

Or. sv

Emenda 501
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja ***jew amministrattiva*** li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE.	2. L-aċċess għar-reġistrazzjoni ta' profil fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkun limitat għal persuni li jiddikjaraw b'mod espliċitu li ma humiex soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE.

Or. en

Emenda 502
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. (a) ma jkunux soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE;
	(b) ma jkunux instabu ħatja ta' reat kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2017/541 jew ta' kwalunkwe reat ieħor li jikkostitwixxi jew jinvolvi theddida għas-sigurtà nazzjonali ta' Stat Membru;
	(c) ma jkunux assoċjati konxjament ma' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Pożizzjoni Komuni 2001/931/CFSP ("il-lista").

Or. en

Emenda 503
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Persuni li qed ifittxu impjieg li l-applikazzjoni tal-immigrazzjoni tagħhom tiġi rrifjutata fi Stat Membru bħala konsegwenza tal-kontrolli tas-sigurtà magħmula f'konformità mal-Artikolu 19(2)(b), għandu jkollhom il-profili tagħhom imneħħija minnufih mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mingħajr il-possibbiltà li jerġgħu jiddaħħlu.

Or. en

Emenda 504
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Matul il-proċeduri tal-immigrazzjoni mwettqa mill-Istati Membri, jistgħu jitwettqu l-verifiki meħtieġa fil-bażijiet tad-data nazzjonali u tal-UE rilevanti bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

Or. en

Emenda 505
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Persuna li qed tfittex impjieg li l-aċċess tagħha għar-Riżerva ta' Talent tal-UE jiġi rrifjutat għandha tiġi nnotifikata bil-miktub permezz tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u għandhom jiġu spjegati r-raġunijiet għar-rifjut.

Or. en

Emenda 506
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2b. Profili ta' persuni li jkunu qed ifittxu impjieg li għamlu dikjarazzjoni falza dwar kwalunkwe punt imsemmi hawn fuq għandhom jitħassru mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 507
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	3. Il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-impjegaturi ***u l-intermedjarji parteċipanti, għall-fornituri ta' servizzi ta' verifika u ta' tqabbil, għas-servizzi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, u għall-punti ta' kuntatt nazzjonali*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif***.

Or. en

Emenda 508
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli ***għall-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva*** ta' Talent ***tal-UE***.	3. Il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli ***għal kull min iħallas biex jara l-kontenut tar-Riżerva*** ta' Talent.

Or. sv

Emenda 509
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu postijiet tax-xogħol vakanti.	***imħassar***

Or. sv

Emenda 510
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu postijiet tax-xogħol vakanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 511
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu postijiet tax-xogħol vakanti.	4. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu postijiet tax-xogħol vakanti ***offruti minn impjegaturi mill-Istati Membri***

parteċipanti.

Or. en

Emenda 512
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu ***postijiet*** tax-xogħol vakanti.	4. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***għandhom ikunu*** jistgħu jfittxu ***l-postijiet*** tax-xogħol vakanti ***kollha u jaraw il-profili tal-impjegaturi u tal-intermedjarji parteċipanti***.

Or. en

Emenda 513
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jagħżlu livelli multipli ta' verifika tal-identità:
	(a) Ebda verifika, billi joħolqu profil bażiku mingħajr verifiki addizzjonali;
	(b) Verifika msaħħa, billi jiġi ppreżentat kredenzjal tal-identità diġitali li jkun iffirmat b'mod elettroniku minn fornitur tal-identità rikonoxxut

Or. en

Emenda 514

Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Persuni li jkunu qed ifittxu impjieg u ħaddiema minn pajjiżi terzi għandhom igawdu trattament ġust u ugwali meta mqabbla maċ-ċittadini tal-UE inkluż rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-impjieg, ir-rimunerazzjoni, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, it-taħriġ, il-benefiċċji soċjali u tat-taxxa, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u d-drittijiet tat-trade unions.

Or. en

Emenda 515
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reġistrazzjoni tal-profil u l-aċċess tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent	Reġistrazzjoni tal-profil u l-aċċess tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent ***jew oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp tal-ħiliet u l-validazzjoni f'pajjiż terz***

Or. en

Emenda 516
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reġistrazzjoni tal-profil u l-aċċess tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi	Reġistrazzjoni tal-profil u l-aċċess tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi

terzi fil-kuntest tas-Sħubijiet ta’ Talent	terzi fil-kuntest tas-Sħubijiet ta’ Talent ***u oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp tal-ħiliet u l-validazzjoni f’pajjiż terz***

Or. en

Emenda 517
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reġistrazzjoni tal-profil u l-aċċess tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-kuntest tas-Sħubijiet ta’ Talent	Reġistrazzjoni tal-profil u l-aċċess tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-kuntest tas-Sħubijiet ta’ Talent ***tal-UE u l-arranġamenti nazzjonali***

Or. en

Emenda 518
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta’ Talent jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta’ Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta’ dik is-Sħubija ta’ Talent u ċċertifikati minn “permess tas-Sħubija ta’ Talent ***tal-UE***”.	1. L-Istati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta’ Talent ***tal-UE jew li jkollhom qafas nazzjonali dwar l-iżvilupp tal-ħiliet u l-validazzjoni f’pajjiż terz fis-seħħ*** jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta’ Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta’ dik is-Sħubija ta’ Talent ***tal-UE jew qafas nazzjonali*** u ċċertifikati minn “permess tas-Sħubija ta’ Talent”.

Or. en

Emenda 519
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' dik is-Sħubija ta' Talent u ċċertifikati minn "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".	1. L-Istati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' dik is-Sħubija ta' Talent u ċċertifikati minn "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". ***Kull Stat Membru għandu jkun liberu li jivvaluta l-validità ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", u l-awtorizzazzjonijiet li jkunu nħarġu jistgħu jiġu rtirati mill-pajjiż ospitanti.***

Or. sv

Emenda 520
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' dik is-Sħubija ta' Talent u ċċertifikati minn "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".	1. L-Istati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent ***tal-UE jew ikollhom arranġamenti bilaterali ma' pajjiżi terzi fis-seħħ,*** jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' dik is-Sħubija ta' Talent u ċċertifikati minn "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".

Or. en

Emenda 521
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***parteċipanti*** li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati ***jew ivvalidati*** fil-qafas ta' dik is-Sħubija ta' Talent ***u ċċertifikati minn "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE"***.	1. L-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent ***jew qafas nazzjonali ekwivalenti dwar l-iżvilupp tal-ħiliet u l-validazzjoni f'pajjiż terz*** jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati**,** ***ivvalidati jew iċċertifikati*** fil-qafas ta' dik is-Sħubija ta' Talent ***jew qafas nazzjonali ekwivalenti***.

Or. en

Emenda 522
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***parteċipanti*** li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' dik is-Sħubija ta' Talent u ċċertifikati minn "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".	1. L-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' dik is-Sħubija ta' Talent u ċċertifikati minn "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".

Or. en

Emenda 523
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu rċevew "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" li jiċċertifika l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-kuntest ta' Sħubija ta' Talent jistgħu jirreġistraw il-profil tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li tgħaqqad il-profili tagħhom mal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".	2. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu rċevew "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" li jiċċertifika l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-kuntest ta' Sħubija ta' Talent ***tal-UE jew arranġamenti bilaterali*** jistgħu jirreġistraw il-profil tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li tgħaqqad il-profili tagħhom mal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".

Or. en

Emenda 524
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu rċevew "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" ***li jiċċertifika l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-kuntest ta' Sħubija ta' Talent*** jistgħu jirreġistraw il-profil tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li tgħaqqad il-profili tagħhom mal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".	2. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu rċevew "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" ***u li jistgħu jiggarantixxu li għandhom il-ħiliet li qed isostnu li għandhom*** jistgħu jirreġistraw il-profil tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li tgħaqqad il-profili tagħhom mal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".

Or. sv

Emenda 525
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Persuni li qed ifittxu impjieg minn

pajjiż terz li rċevew "permess ta' Sħubija ta' Talent" u li sussegwentement ifittxu permess għal impjieg bi kwalifiki għoljin b'riżultat ta' offerta ta' impjieg skont id-Direttiva (UE) 2021/1883 għandhom awtomatikament jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11, il-paragrafu 1 u fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 ta' dik id-Direttiva

Or. en

Emenda 526
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li bbenefikaw minn oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiż terz jistgħu jabbinaw il-profil tagħhom ma' dawn l-oqfsa u jindikaw il-ħiliet żviluppati u vvalidati f'dak il-kuntest.

Or. en

Emenda 527
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiż terz li jkunu rċevew "permess ta' Sħubija ta' Talent" u li sussegwentement ifittxu permess uniku bħala riżultat ta' offerta ta' impjieg f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1233 għandhom jirċievu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni

	tagħhom f'konformità mal-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva. Għall-finijiet ta' tali applikazzjonijiet għal permessi uniċi, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8, il-paragrafi 3 u 4 tad-Direttiva ma għandhomx japplikaw.

Or. en

Emenda 528
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-"permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***" għandu jkun viżibbli fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u għandu jkun fih informazzjoni dwar wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin:	3. Il-"permess tas-Sħubija ta' Talent" għandu jkun viżibbli fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u għandu jkun fih informazzjoni dwar wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin:

Or. en

Emenda 529
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-dettalji tal-edukazzjoni u t-taħriġ miksuba miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jipparteċipa fis-Sħubija ta' Talent, inkluż is-suġġett tal-edukazzjoni ***u t-taħriġ, id-durata*** tiegħu u t-tip ta' ħiliet miksuba ***u l-livell*** tagħhom;	(a) id-dettalji ***sħaħ*** tal-edukazzjoni u t-taħriġ miksuba miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jipparteċipa fis-Sħubija ta' Talent, inkluż is-suġġett tal-edukazzjoni***, it-tul ta' żmien*** tiegħu u t-tip ta' ħiliet miksuba***, il-livell tagħhom, l-istabbilimenti jew l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li pprovdew l-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll iċ-ċertifikati*** tagħhom***, u kopji tad-diplomi maħruġa***;

Or. sv

Emenda 530
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-dettalji tal-edukazzjoni u t-taħriġ miksuba miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jipparteċipa fis-Sħubija ta' Talent, inkluż is-suġġett tal-edukazzjoni u t-taħriġ, id-durata tiegħu u t-tip ta' ħiliet miksuba u l-livell tagħhom;	(a) id-dettalji tal-edukazzjoni u t-taħriġ miksuba miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jipparteċipa fis-Sħubija ta' Talent ***tal-UE jew f'qafas nazzjonali***, inkluż is-suġġett tal-edukazzjoni u t-taħriġ, id-durata tiegħu u t-tip ta' ħiliet miksuba u l-livell tagħhom;

Or. en

Emenda 531
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-dettalji tal-edukazzjoni u t-taħriġ miksuba miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jipparteċipa fis-Sħubija ta' Talent, inkluż is-suġġett tal-edukazzjoni u t-taħriġ, id-durata tiegħu u t-tip ta' ħiliet miksuba u l-livell tagħhom;	(a) id-dettalji tal-edukazzjoni u t-taħriġ miksuba miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jipparteċipa fis-Sħubija ta' Talent ***tal-UE jew arranġamenti bilaterali***, inkluż is-suġġett tal-edukazzjoni u t-taħriġ, id-durata tiegħu u t-tip ta' ħiliet miksuba u l-livell tagħhom;

Or. en

Emenda 532
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kwalifika miksuba u l-ħiliet taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkunu ġew	(b) il-kwalifika miksuba u l-ħiliet taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkunu ġew

ivvalidati fil-kuntest tas-Sħubija ta' Talent, inklużi l-ħiliet u l-kompetenzi relatati ma' impjieg speċifiku, il-ħiliet lingwistiċi, jew il-kompetenzi li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar;	ivvalidati fil-kuntest tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE jew ta' qafas nazzjonali***, inklużi l-ħiliet u l-kompetenzi relatati ma' impjieg speċifiku, il-ħiliet lingwistiċi, jew il-kompetenzi li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar;

Or. en

Emenda 533
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kwalifika miksuba u l-ħiliet taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkunu ġew ivvalidati fil-kuntest tas-Sħubija ta' Talent, inklużi l-ħiliet u l-kompetenzi relatati ma' impjieg speċifiku, il-ħiliet lingwistiċi, jew il-kompetenzi li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar;	(b) il-kwalifika miksuba u l-ħiliet taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkunu ġew ivvalidati fil-kuntest tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE jew ta' arranġamenti bilaterali***, inklużi l-ħiliet u l-kompetenzi relatati ma' impjieg speċifiku, il-ħiliet lingwistiċi, jew il-kompetenzi li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar;

Or. en

Emenda 534
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ċertifikati ta' ħiliet u kwalifiki professjonali miksuba fuq bażi ta' tul il-karriera maħruġa minn assoċjazzjonijiet professjonali u/jew istituzzjonijiet ta' taħriġ fil-pajjiż tad-destinazzjoni.

Or. es

Emenda 535
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta mudelli għall-format tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***". Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2).	4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta mudelli għall-format tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent". Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2).

Or. en

Emenda 536
Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta mudelli għall-format tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***". Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2).	4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta mudelli għall-format tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent". Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2).

Or. en

Emenda 537
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***"	5. Il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent"

għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent li fiha jkunu qed jipparteċipaw. Il-Kummissjoni għandha tippubblika informazzjoni dwar dawk il-kundizzjonijiet fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE*** li fiha jkunu qed jipparteċipaw ***jew fil-kuntest tal-qafas nazzjonali li fih ġew implimentati***. Il-Kummissjoni għandha tippubblika informazzjoni dwar dawk il-kundizzjonijiet fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 538
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent li fiha jkunu qed jipparteċipaw. Il-Kummissjoni għandha tippubblika informazzjoni dwar dawk il-kundizzjonijiet fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	5. Il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE jew arranġamenti bilaterali*** li fiha jkunu qed jipparteċipaw. Il-Kummissjoni għandha tippubblika informazzjoni dwar dawk il-kundizzjonijiet fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 539
Jan-Christoph Oetjen, Hilde Vautmans, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għal perjodu massimu ta'	***imħassar***

sena, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 540
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li ***jillimitaw*** il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għal perjodu massimu ta' sena, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li ***jipprijoritizzaw*** il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għal perjodu massimu ta' sena, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kelma "jillimitaw" jidher li għandha konnotazzjoni negattiva u tista' tiġi pperċepita daqslikieku l-viżibbiltà ta' dawk li qed ifittxu impjieg fil-fatt se tkun limitata filwaqt li suppost tkun aktar immirata lejn il-ħtiġijiet ta' Sħubija ta' Talent speċifika. Għalhekk huwa aktar loġiku li f'dan il-każ tintuża kelma "jipprijoritizzaw".

Emenda 541
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għal perjodu massimu ta' ***sena***, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għal perjodu massimu ta' ***sentejn***, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. fr

Emenda 542
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għal perjodu massimu ta' sena, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE*** rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għal perjodu massimu ta' sena, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent ***tal-UE***. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 543
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", ***għal perjodu massimu ta' sena,*** għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 544
Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għal perjodu massimu ta' sena, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

istess Sħubija ta’ Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 545
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta’ Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu “permess tas-Sħubija ta’ Talent tal-UE”, għal perjodu massimu ta’ ***sena***, għall-impjegaturi stabbiliti ***fi Stat*** Membru ***wieħed jew aktar li jieħdu sehem f’dik l-istess Sħubija ta’ Talent***. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE.	6. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta’ Talent ***tal-UE jew arranġamenti bilaterali*** rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu “permess tas-Sħubija ta’ Talent tal-UE”, għal perjodu massimu ta’ ***sitt xhur***, għall-impjegaturi stabbiliti ***fl-Istat*** Membru ***kkonċernat***. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 546
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-lista ta’ pajjiżi terzi u ta’ Stati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta’ Talent u l-impjiegi rilevanti	7. Il-lista ta’ pajjiżi terzi u ta’ Stati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta’ Talent ***tal-UE*** u l-impjiegi

koperti fiha għandhom jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	rilevanti koperti fiha għandhom jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 547
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-lista ta' pajjiżi terzi u ta' Stati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u l-impjiegi rilevanti koperti fiha għandhom jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	7. Il-lista ta' pajjiżi terzi u ta' Stati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent ***tal-UE*** u l-impjiegi rilevanti koperti fiha għandhom jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 548
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-lista ta' pajjiżi terzi u ta' Stati Membri ***parteċipanti*** li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u l-impjiegi rilevanti koperti fiha għandhom jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	7. Il-lista ta' pajjiżi terzi u ta' Stati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u l-impjiegi rilevanti koperti fiha għandhom jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 549
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE	Parteċipazzjoni ***u skrutinju*** tal-impjegaturi ***u tal-intermedjarji*** fir-Riżerva ta' Talent tal-UE

Or. en

Emenda 550
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE	***Reġistrazzjoni u*** parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE

Or. en

Emenda 551
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi ***interessati li jipparteċipaw*** fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jistgħu jitolbu lill-Punt*** ta' Kuntatt ***Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi l-postijiet*** tax-xogħol vakanti ***tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***.	1. L-impjegaturi ***rreġistrati*** fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***għandhom jipprovdu l-isem, il-kunjom, id-dettalji*** ta' kuntatt ***tagħhom, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, is-settur tal-attività, deskrizzjoni tal-operazzjonijiet tal-impjegatur u deskrizzjoni dettaljata tal-post*** tax-xogħol vakanti ***inkluża informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni, il-post u t-tip ta' xogħol, ir-rekwiżiti tal-kwalifiki, il-kompiti ewlenin, it-tip u d-durata tal-kuntratt, il-ħin tax-xogħol kif ukoll kundizzjonijiet oħra applikabbli rigward ix-xogħol u l-impjieg***.

Or. en

Emenda 552
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. L-impjegaturi interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Din it-talba għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' funzjoni miżjuda fi ħdan il-proċessi nazzjonali eżistenti tal-avviżi tal-impjiegi.***

Or. en

Emenda 553
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. L-impjegaturi interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom ***minn pjattaformi oħra*** għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 554
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jistgħu*** jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. L-impjegaturi interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***għandhom*** jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi ***l-profil u*** l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 555
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu ***jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***.	1. L-impjegaturi interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***għandhom ikunu*** jistgħu ***joħolqu profil fuq il-pjattaforma tal-IT*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***, li jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(3)***.

Or. en

Emenda 556
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-impjegaturi interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jistgħu jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***.	1. L-impjegaturi ***u l-intermedjarji*** interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***għandhom jirreġistraw profil fuq il-pjattaforma tal-IT*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***, li jindika l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 6***.
	Or. en

Emenda 557
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali u s-sħab soċjali rilevanti, kif xieraq, għandhom iwettqu verifiki relatati mal-impjegaturi qabel ma jiġi rreġistrat u attivat il-profil tagħhom. Verifiki bħal dawn għandhom jinkludu l-verifika ta' kwalunkwe arretrati fil-ħlas tas-salarji, fil-pagamenti tas-sigurtà soċjali u fil-pagamenti tat-taxxa, kif ukoll kwalunkwe rekord kriminali tal-persuna fiżika responsabbli mill-impriża. Il-verifika għandha tiġi ripetuta kull sentejn wara li jiġi rreġistrat l-impjegatur.
	Or. en

Emenda 558
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru

fejn ikun stabbilit l-impjegatur jew l-intermedjarju parteċipanti huwa responsabbli għall-iskrutinju tat-talbiet u għall-approvazzjoni tal-aċċess għall-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Fit-twettiq ta' din il-funzjoni, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jikkollabora mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

Or. en

Emenda 559
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, kif xieraq, għandhom iwettqu verifiki relatati mal-impjegaturi qabel ma jiġi rreġistrat u attivat il-profil tagħhom.

Or. en

Emenda 560
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Mal-approvazzjoni mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali rilevanti, l-impjegaturi parteċipanti jistgħu jtellgħu l-postijiet vakanti tagħhom direttament fuq il-pjattaforma tal-IT, jew jistgħu jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom

għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-intermedjarji verifikati jistgħu jittrasferixxu wkoll postijiet vakanti tal-impjegaturi, malli jirreġistraw u jorbtu mal-profil tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 561
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jitolbu tariffa lill-impjegaturi għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex ikopru l-kostijiet amministrattivi relatati mal-pjattaforma u s-servizzi relatati.

Or. en

Emenda 562
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ***jittrasferixxu għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE postijiet tax-xogħol vakanti li***:	2. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom:
	(a) jikkoordinaw mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kif xieraq biex jiskrinjaw u jivverifikaw l-impjegaturi rreġistrati qabel ma jiġi attivat il-profil tagħhom.Dan għandu jinkludi l-verifika

tas-salarju, l-arretrati tas-sigurtà soċjali u tal-pagamenti tat-taxxa, l-ilmenti li jsiru kontra l-impjegatur, fondi suffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-obbligi għall-impjegati f'każ ta' insolvenza, kif ukoll verifika tar-rekord kriminali tal-persuna/i fiżika/fiżiċi inkarigata/i mill-kumpanija.

(b) jittrasferixxu għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE postijiet tax-xogħol vakanti li huma miftuħa għar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi f'konformità mal-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali jew dawk il-postijiet tax-xogħol vakanti li huma rilevanti għal Sħubija ta' Talent.

Or. en

Emenda 563
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ***jittrasferixxu għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE postijiet tax-xogħol vakanti li:***	2. ***Qabel ma jittella' post vakanti fuq il-pjattaforma tal-IT*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***, l-impjegatur u l-intermedjarji parteċipanti*** għandhom ***jiddikjaraw li, fejn applikabbli, il-post vakanti jissodisfa l-kriterji nazzjonali kollha meħtieġa għall-ftuħ tiegħu għar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi.***

Or. en

Emenda 564
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jaqgħu fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha stabbilita fl-Artikolu 14 u l-aġġustamenti nazzjonali fil-lista skont l-Artikolu 15(1) jew dawk il-postijiet tax-xogħol vakanti li huma rilevanti għal Sħubija ta' Talent;	***imħassar***

Or. en

Emenda 565
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jaqgħu fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha stabbilita fl-Artikolu 14 u l-aġġustamenti nazzjonali fil-lista skont l-Artikolu 15(1) jew dawk il-postijiet tax-xogħol vakanti li huma rilevanti għal Sħubija ta' Talent;	(a) jaqgħu fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha stabbilita fl-Artikolu 14 u l-aġġustamenti nazzjonali fil-lista skont l-Artikolu 15(1) jew dawk il-postijiet tax-xogħol vakanti li huma rilevanti għal Sħubija ta' Talent ***tal-UE u l-oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiż terz elenkat fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***;

Or. en

Emenda 566
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jaqgħu fil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema ***fl-UE kollha stabbilita fl-Artikolu 14 u l-aġġustamenti nazzjonali fil-lista*** skont l-Artikolu ***15(1)*** jew dawk il-postijiet tax-xogħol vakanti li	(a) jaqgħu fil-lista ***stabbilita fl-Anness nazzjonali tagħhom*** ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema skont l-Artikolu ***15*** jew dawk il-postijiet tax-xogħol vakanti li huma rilevanti għal Sħubija ta' Talent;

huma rilevanti għal Sħubija ta' Talent;

Or. en

Emenda 567
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) huma miftuħa għar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi f'konformità mal-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 568
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) huma miftuħa għar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi f'konformità mal-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 569
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) huma miftuħa għar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***f'konformità mal-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali***.	(b) huma miftuħa għar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 570
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-impjegaturi fl-Istati Membri tal-UE jixtiequ jippubblikaw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE b'eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni skont proċedura aċċellerata ta' immigrazzjoni;

Or. en

Emenda 571
Johan Danielsson

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) diġà ttellgħu fuq l-EURES għal minimu ta' sitt ġimgħat, iżda għadhom vakanti.

Or. en

Emenda 572
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. ***L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma' ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.***	L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 573
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma' ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-	L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti***, inklużi ftehimiet kollettivi applikabbli,*** biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma' ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-

Xogħol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.	Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 574
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust ***u*** kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati***, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni***. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma' ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.	L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti***, inklużi ftehimiet kollettivi applikabbli,*** biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust***,*** kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati ***u diskriminazzjoni***. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali ***għar-reġistrazzjoni u*** għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma' ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 575
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-	L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-

ċittadini ta’ pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma’ prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma’ ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni.	ċittadini ta’ pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma’ prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn ***inkluż pjattaformi nazzjonali oħra għat-tiftix tal-impjiegi***, ma’ ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni.
	Or. en

Emenda 576
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma’ prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma’ ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni.	L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandhom jikkonformaw ***mal-ftehimiet ta’ negozjar kollettiv, u*** mal-liġi u l-prattika ***tax-xogħol*** nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma’ prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma’ ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni.
	Or. en

Emenda 577
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri ***parteċipanti*** jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma' ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.	L-impjegaturi ***u l-intermedjarji*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi ***u l-intermedjarji*** fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma' ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 578
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

konformità ma’ prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn, ma’ ftehimiet kollettivi u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 579
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE ma għandhomx jitolbu tariffi lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-fini tar-reklutaġġ.	***L-użu tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE għandu jkun mingħajr ħlas għall-persuni rreġistrati li jkunu qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi*** L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta’ Talent tal-UE ma għandhomx jitolbu tariffi lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-fini tar-reklutaġġ. ***L-impjegaturi ta’ persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiż terz li, bħala riżultat ta’ offerta ta’ impjieg magħmula permezz tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE, sussegwentement ifittxu permess għal impjieg bi kwalifiki għoljin f’konformità mad-Direttiva (UE) 2021/1883 għandhom ikunu responsabbli għat-tariffi rilevanti msemmija fl-Artikolu 12 ta’ dik id-Direttiva.*** ***L-impjegaturi ta’ persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiż terz li, bħala riżultat ta’ offerta ta’ impjieg magħmula permezz tar-Riżerva ta’ Talent tal-UE, sussegwentement ifittxu permess uniku f’konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1233 għandhom ikunu responsabbli għat-tariffi msemmija fl-Artikolu 10 ta’ dik id-Direttiva.***

Or. en

Emenda 580
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ma ***għandhomx*** jitolbu ***tariffi*** lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-fini tar-reklutaġġ.	L-impjegaturi ***u l-intermedjarji*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ma ***għandhom*** jitolbu ***l-ebda tariffa jew kost relatat*** lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-fini tar-reklutaġġ. ***Meta tariffa titħallas mill-impjegatur parteċipanti jew l-intermedjarju, dawn m'għandhomx ikunu intitolati li jirkupraw ħlas miċ-ċittadin ta' pajjiż terz.***

Or. en

Emenda 581
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	4. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Postijiet tax-xogħol vakanti rreġistrati fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu l-isem tal-impjegatur, id-dettalji ta' kuntatt tiegħu, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, is-settur tal-attività, deskrizzjoni tal-operazzjonijiet tal-impjegatur u deskrizzjoni dettaljata tal-post tax-xogħol vakanti inkluża informazzjoni dwar ir-remunerazzjoni, il-post u t-tip ta' xogħol, ir-rekwiżiti tal-kwalifiki, il-kompiti ewlenin, it-tip u d-durata tal-kuntratt, il-ħin tax-xogħol kif ukoll kundizzjonijiet oħra applikabbli***

rigward tax-xogħol u tal-impjieg.

Or. en

Emenda 582
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	4. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Id-deskrizzjoni ta' kull post tax-xogħol vakanti għandha tinkludi mill-inqas il-post abitwali tax-xogħol, is-settur tal-attività, il-kwalifiki meħtieġa, il-kompiti ewlenin, it-tip u d-durata tal-kuntratt, ir-rimunerazzjoni, il-ħin u s-sigħat tax-xogħol, l-ammont ta' kwalunkwe liv bi ħlas, il-profil lingwistiku rikjest u, fejn applikabbli, kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg rilevanti oħrajn.***

Or. en

Emenda 583
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	4. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi ***u tal-intermedjarji*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ikunu viżibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 584
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-atturi tas-suq tax-xogħol għandhom jirċievu aċċess awtomatiku għall-pjattaforma hekk kif il-postijiet vakanti tagħhom ikunu ġew ittrasferiti għar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali. Fil-każ ta' gruppi ta' kumpaniji, kumpanija awtorizzata b'mod dimostrabbli għandha tkun tista' taċċessa l-pool ukoll għall-kumpaniji l-oħra ta' dak il-grupp korporattiv rilevanti.

Or. en

Emenda 585
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-postijiet tax-xogħol vakanti kollha għandhom ikunu marbuta b'mod ċar ma' impjegatur irreġistrat fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u għandhom jinkludu, mill-inqas, il-post u t-tip ta' xogħol, id-durata tal-impjieg, is-sigħat tax-xogħol, is-salarju, il-kompiti ewlenin, u kundizzjonijiet tax-xogħol rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 586

Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari. ***Il-profili ta' dawk il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u l-postijiet tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.***	5. L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tneħħija tal-profili ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg ma tidhirx li hija meħtieġa, peress li xorta jistgħu jiġu avviċinati wkoll minn impjegaturi oħra. Barra minn hekk, l-impjegaturi spiss ifittxu aktar minn impjegat wieħed għal rwoli speċifiċi, jiġifieri jistgħu jkunu jridu jżommu l-post tax-xogħol vakanti online għal perjodu ta' żmien itwal.

Emenda 587
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***li*** jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari. Il-profili ta' dawk il-persuni rreġistrati li qed ifittxu	5. L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***meta jkunu bdew proċess ta' reklutaġġ b'persuna li qed tfittex impjieg irreġistrata fuq il-pjattaforma u meta*** jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg

impjieg u l-postijiet tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari. Il-profili ta' dawk il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u l-postijiet tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 588
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ ***tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post*** tax-xogħol vakanti partikolari. ***Il-profili ta' dawk il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u l-postijiet*** tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	5. L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ ***għal post*** tax-xogħol vakanti partikolari. ***Il-postijiet*** tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 589
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent	5. L-impjegaturi ***u l-intermedjarji*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta'

tal-UE li jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari. Il-profili ta' dawk il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u l-postijiet tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	Talent tal-UE ***u lill-Punti Nazzjonali ta' Kuntatt*** li jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari. Il-profili ta' dawk il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u l-postijiet tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 590
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva*** ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***li jkunu temmew*** b'suċċess ***ir-reklutaġġ*** tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari. Il-profili ta' dawk il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u l-postijiet tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	5. ***Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva*** ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***t-tlestija*** b'suċċess ***tar-reklutaġġ*** tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari. Il-profili ta' dawk il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u l-postijiet tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati***, minn hemm 'il quddiem,*** għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 591
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	5a. Jekk post tax-xogħol vakanti jkun imtela b'suċċess minn persuna rreġistrata li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz, il-profil ta' din il-persuna li qed tfittex impjieg għandu jieqaf awtomatikament milli jkun viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 592
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal-liġi u l-prattika rilevanti fl-Istati Membri parteċipanti għandhom jinformaw minnufih lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-prattika rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 3 għall-finijiet tal-Artikolu 10(2)(e).	6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal-liġi u l-prattika rilevanti fl-Istati Membri parteċipanti għandhom jinformaw minnufih lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-prattika rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 3 għall-finijiet tal-Artikolu 10(2)(e). ***Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom iżommu reġistru ta' dak il-ksur biex jiġu evitati r-ripetizzjonijiet. L-impjegaturi li jkunu ġew sanzjonati għal attivitajiet kriminali jew għal ksur tal-istandards tax-xogħol applikabbli jew tal-liġi jew tal-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali rilevanti għandhom jiġu miċħuda l-aċċess għar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jew jiġu sospiżi minnha għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-deċiżjoni li tiċħad jew tissospendi l-aċċess.***

Or. en

Emenda 593
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal-liġi u l-prattika rilevanti fl-Istati Membri parteċipanti għandhom jinformaw minnufih lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-prattika rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 3 għall-finijiet tal-Artikolu 10(2)(e).	6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal-liġi u l-prattika rilevanti fl-Istati Membri parteċipanti għandhom jinformaw minnufih lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-prattika rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 3 għall-finijiet tal-Artikolu 10(2)(e). ***Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom iżommu wkoll reġistru ta' dak il-ksur biex jgħinu jiġi evitat ksur multiplu tal-istess dispożizzjonijiet.***

Or. en

Emenda 594
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal-liġi u l-prattika rilevanti fl-Istati Membri ***parteċipanti*** għandhom jinformaw minnufih lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-prattika rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 3 għall-finijiet tal-Artikolu 10(2)(e).	6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal-liġi u l-prattika rilevanti fl-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-prattika rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 3 għall-finijiet tal-Artikolu 10(2)(e).

Or. en

Emenda 595
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14	***imħassar***
Lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha	
1.	
Għall-fini ta' dan ir-Regolament, lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fil-livell b'4 ċifri tal-ISCO-08 hija stabbilita fl-Anness.	
Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 biex temenda l-Anness, f'konformità mal-kriterji li ġejjin:	
(a) l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema komuni għal għadd sinifikanti ta' Stati Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);	
(b) l-impjiegi li jikkontribwixxu direttament għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE u li x'aktarx jikbru fl-importanza.	
2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika l-lista tal-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	

Or. en

Emenda 596
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14	***imħassar***

Lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha

1.

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fil-livell b'4 ċifri tal-ISCO-08 hija stabbilita fl-Anness.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 biex temenda l-Anness, f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

(a) l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema komuni għal għadd sinifikanti ta' Stati Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);

(b) l-impjiegi li jikkontribwixxu direttament għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE u li x'aktarx jikbru fl-importanza.

2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika l-lista tal-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 597
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14	***imħassar***
Lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha	
1.	
Għall-fini ta' dan ir-Regolament, lista ta'	

okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fil-livell b'4 ċifri tal-ISCO-08 hija stabbilita fl-Anness.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 biex temenda l-Anness, f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

(a) l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema komuni għal għadd sinifikanti ta' Stati Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);

(b) l-impjiegi li jikkontribwixxu direttament għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE u li x'aktarx jikbru fl-importanza.

2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika l-lista tal-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. sv

Emenda 598
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini ta' dan ir-Regolament, lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fil-livell b'4 ċifri tal-ISCO-08 hija stabbilita fl-Anness.	Għall-fini ta' dan ir-Regolament, lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fil-livell b'4 ċifri tal-ISCO-08 hija stabbilita fl-Anness. ***Il-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha għandha tintuża biex tipprovdi ħarsa ġenerali lejn in-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u biex tappoġġa lil dawk li qed ifittxu impjieg fil-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' tqabbil potenzjali u reklutaġġ b'suċċess. Il-lista ma għandhiex***

tintuża biex tirrestrinġi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew lill-impjegaturi u lill-intermedjarji milli jidħlu u jirreġistraw fil-pjattaforma komuni tal-IT.

Or. en

Emenda 599
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 biex temenda l-Anness, f'konformità mal-kriterji li ġejjin:	Il-Kummissjoni***, wara konsultazzjonijiet rigoruż mal-Istati Membri,*** għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 biex temenda l-Anness, f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

Or. fr

Emenda 600
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema komuni għal għadd sinifikanti ta' Stati Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);	***imħassar***

Or. sv

Emenda 601
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema komuni għal ***għadd sinifikanti ta' Stati*** Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);	(a) l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema komuni għal ***żewġ terzi tal-Istati*** Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);

Or. fi

Emenda 602
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema komuni għal ***għadd sinifikanti ta'*** Stati Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);	(a) l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema komuni għal ***aktar minn tliet*** Stati Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);

Or. en

Emenda 603
Lukas Mandl

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema ***komuni għal għadd sinifikanti ta'*** Stati Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta'	(a) l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema ***rrapportati minn tal-inqas żewġ*** Stati Membri parteċipanti kif innotifikati lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE

Talent tal-UE mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);	mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2)(c);

Or. en

Emenda 604
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tan-negozji;

Or. fr

Emenda 605
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-impjiegi li jikkontribwixxu direttament għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE u li x'aktarx jikbru fl-importanza.	***imħassar***

Or. sv

Emenda 606
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-impjiegi li jikkontribwixxu direttament għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi	***imħassar***

u diġitali tal-UE u li x'aktarx jikbru fl-importanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE se tiffunzjona b'mod aktar effiċjenti jekk ma tkunx soġġetta għall-prijoritajiet politiċi (li jinbidlu), iżda għall-ħtiġijiet ta' kuljum tal-impjegaturi tal-UE.

Emenda 607
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-impjiegi li jikkontribwixxu direttament għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE u li x'aktarx jikbru fl-importanza.	(b) l-impjiegi li ***jiżguraw kompetittività mtejba u li*** jikkontribwixxu direttament għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE u li x'aktarx jikbru fl-importanza.

Or. en

Emenda 608
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-impjiegi li jikkontribwixxu direttament ***għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u*** diġitali tal-UE u li x'aktarx jikbru fl-importanza.	(b) l-impjiegi li jikkontribwixxu direttament ***għat-tranżizzjoni nadifa u dik*** diġitali tal-UE u li x'aktarx jikbru fl-importanza.

Or. fi

Emenda 609
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika l-lista tal-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika l-lista tal-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Din il-lista għandha sservi bħala indikazzjoni għal dawk li qed ifittxu impjieg dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol fil-livell tal-UE. Dan bl-ebda mod ma għandu jillimita liema postijiet vakanti jistgħu jittellgħu fuq il-pjattaforma tal-IT, u lanqas liema persuni li qed ifittxu impjieg jistgħu joħolqu profil u japplikaw għal postijiet vakanti.***

Or. en

Emenda 610
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 15	***imħassar***
Aġġustamenti nazzjonali għal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha	
1.	
L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fil-livell b'4 ċifri tal-ISCO-08, sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom tas-suq tax-xogħol. Huma jistgħu jiddeċiedu wkoll li jneħħu l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema mil-lista madwar l-UE kollha fejn dawk ma jikkorrispondux għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom tas-suq tax-xogħol. L-aġġustamenti speċifiċi għall-pajjiż għandhom jaffettwaw biss it-tqabbil tal-postijiet tax-xogħol vakanti fl-Istat	

Membru kkonċernat.

Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-Istati Membri li jinnotifikaw il-parteċipazzjoni tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 3 għandhom jinnotifikaw kwalunkwe żieda jew tneħħija mil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha mhux aktar tard minn 3 xhur qabel ma jissieħbu fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-Istati Membri parteċipanti għandhom jinnotifikaw kwalunkwe żieda jew tneħħija mil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha fi żmien 3 xhur wara l-emendi għall-Anness.

Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jinnotifikaw lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE aktar żidiet u tneħħijiet mil-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha massimu ta' darba fis-sena.

2. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika l-aġġustamenti għal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha nnotifikati mill-Punti ta' Kuntatt tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

3. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jittrasferixxu għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dawk il-postijiet tax-xogħol vakanti biss li jikkorrispondu għal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha, filwaqt li jitqiesu l-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 611

Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aġġustamenti nazzjonali għal-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema ***fl-UE kollha***	***Lista*** ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema ***fuq livell nazzjonali***

Or. en

Emenda 612
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) informazzjoni speċifika dwar ***id-drittijiet u*** l-obbligi taċ-ċittadini ***ta' pajjiżi*** terzi***, inkluż l-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza għas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-mekkaniżmu għall-ilmenti skont l-Artikolu 18***;	(c) informazzjoni speċifika dwar l-obbligi taċ-ċittadini terzi;

Or. sv

Emenda 683
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***informazzjoni speċifika dwar*** id-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, ***inkluż*** l-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza għas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-mekkaniżmu għall-ilmenti skont l-Artikolu 18;	(c) id-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, ***inklużi l-osservanza u r-rispett għal-liġijiet nazzjonali,*** l-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza għas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-mekkaniżmu għall-ilmenti skont l-Artikolu 18;

Or. en

Emenda 684
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) informazzjoni disponibbli fil-livell nazzjonali biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istat Membru ospitanti, bħal korsijiet tal-lingwa, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, kif ukoll miżuri oħrajn ta' integrazzjoni;	***imħassar***

Or. sv

Emenda 685
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***informazzjoni disponibbli fil-livell nazzjonali biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi*** fl-Istat Membru ospitanti, bħal korsijiet tal-lingwa, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, kif ukoll miżuri oħrajn ta' integrazzjoni;	(d) ***attivitajiet ta' integrazzjoni*** fl-Istat Membru ospitanti, bħal korsijiet tal-lingwa, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, kif ukoll miżuri oħrajn ta' integrazzjoni;

Or. en

Emenda 686
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fejn disponibbli, id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza ta' wara r-reklutaġġ għal	(e) fejn disponibbli, id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet li joffru ***appoġġ u*** assistenza ta' wara r-reklutaġġ

ċittadini ta’ pajjiżi terzi.	għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi ***bħat-trade unions, l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi u l-kmamar tal-kummerċ***.

Or. en

Emenda 687
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***fejn disponibbli,*** id-dettalji ta’ kuntatt tal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza ta’ wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi.	(e) id-dettalji ta’ kuntatt tal-organizzazzjonijiet***, inklużi t-trade unions,*** li joffru assistenza ta’ wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 688
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***fejn disponibbli,*** id-dettalji ta’ kuntatt tal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza ta’ wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi.	(e) id-dettalji ta’ kuntatt tal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza ta’ wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 689
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) ***fejn disponibbli,*** id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza ta' wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.	(e) id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza ta' wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 690
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) informazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar soġġorn legali fl-Istat Membru ta' akkoljenza f'każ ta' terminazzjoni ta' impjiegi jew tranżizzjoni bejn impjiegi abbażi tad-Direttiva (UE) 2024/1233 jew dwar permessi nazzjonali tax-xogħol u residenza, kif ukoll informazzjoni dwar assistenza disponibbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi malli jirritornaw fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, inkluż dwar appoġġ għar-riintegrazzjoni fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw;

Or. en

Emenda 691
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) meta rilevanti, l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali pprovduti permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Or. en

Emenda 692
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn rilevanti, il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jirreferu t-talbiet għal informazzjoni, gwida u appoġġ lil awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħrajn u, jekk applikabbli, lil korpi xierqa oħrajn fil-livell nazzjonali li jappoġġaw l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol.	***imħassar***

Or. sv

Emenda 693
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, f'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Tmexxija, għandu jorganizza kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn l-impjegaturi, b'mod partikolari l-SMEs, biex il-pubbliku jifhem aħjar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u b'hekk, l-użu tagħha.

Or. en

Emenda 694
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandu jimplimenta kampanji ta' sensibilizzazzjoni online kif ukoll offline biex jippromwovi r-Riżerva ta' Talent tal-UE kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. Sforzi dedikati għandhom ukoll jimmiraw pajjiżi terzi, b'iffukar fuq reġjuni mira ewlenin, inkluż permezz ta' shubijiet ma' delegazzjonijiet tal-UE u ambaxxati nazzjonali.

Or. en

Emenda 695
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Faċilitazzjoni tal-ilmenti	Faċilitazzjoni tal-ilmenti ***kontra impjegaturi u intermedjarji parteċipanti***

Or. en

Emenda 696
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Faċilitazzjoni tal-ilmenti	Faċilitazzjoni tal-ilmenti ***u tar-rimedji legali***

Or. en

Emenda 697
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Faċilitazzjoni tal-ilmenti	Faċilitazzjoni tal-ilmenti ***u tar-rimedji***

Or. en

Emenda 698
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw ilmenti f'każ ta' ksur mill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(3).	1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi ***aċċessibbli, f'waqthom u*** effettivi li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg ***u l-ħaddiema*** minn pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw ilmenti***, direttament, permezz ta' partijiet terzi li, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-liġi nazzjonali tagħhom, għandhom interess leġittimu fl-iżgurar tal-konformità ma' dan ir-Regolament, jew permezz ta' awtorità kompetenti tal-Istat Membru parteċipanti meta previst mil-liġi nazzjonali*** f'każ ta' ksur mill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(3) ***jew f'dispożizzjonijiet rilevanti oħra. Il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u l-ħaddiema li jressqu lment għandhom ikunu protetti minn kwalunkwe ritaljazzjoni jew kwalunkwe konsegwenza avversa oħra li jaf iġarrbu minħabba li jkunu għamlu lment***.

Or. en

Emenda 699
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw ilmenti f'każ ta' ksur mill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(3).	1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi ***aċċessibbli,*** effettivi ***u f'waqthom*** li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi***, ir-rappreżentanti jew is-sħab soċjali tagħhom*** jistgħu jippreżentaw ilmenti f'każ ta' ksur mill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(3). ***L-ilmentatur għandu jkun protett minn kwalunkwe ritaljazzjoni jew kwalunkwe konsegwenza avversa b'riżultat ta' lment.***

Or. en

Emenda 700
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw ilmenti ***f'każ ta' ksur*** mill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(3)***.	1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi ***aċċessibbli, ġusti, reattivi għall-kwistjonijiet tal-ġeneru u*** effettivi li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg ***u ħaddiema*** minn pajjiżi terzi ***reklutati permezz tar-Riżerva ta' Talent*** jistgħu jippreżentaw ilmenti ***f'każijiet ta' ksur tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(3)*** mill-impjegaturi ***u l-intermedjarji*** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 701
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw ilmenti f'każ ta' ksur mill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(3).	1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw ilmenti f'każ ta' ksur***, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli,*** mill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(3).

Or. el

Emenda 702
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw ilmenti f'każ ta' ksur ***mill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE*** tal-obbligi u l-kundizzjonijiet ***stipulati fl-Artikolu 13(3)***.	1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***u l-impjegaturi*** jistgħu jippreżentaw ilmenti f'każ ta' ksur tal-obbligi u l-kundizzjonijiet ***li skonthom sar ir-reklutaġġ***.

Or. en

Emenda 703
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jkollha mekkaniżmu tal-ilmenti direttament aċċessibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg kontra reklutaġġ illegali kif ukoll kontra prattiki abbużivi ta' impjieg. Malli jasal ilment, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jirreferi l-kwistjoni lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti għall-ispezzjoni.

Or. en

Emenda 704
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħtu, fuq bażi ta' każ b'każ f'konformità mal-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħhom, permess ta' durata limitata lil ħaddiem ta' pajjiż terz jekk ikun ġarrab ksur tad-drittijiet tiegħu stabbiliti fl-Artikolu 13(3).

Or. en

Emenda 705
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Meta ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tistabbilixxi l-eżistenza ta' prattiki ta' sfruttament jew kwalunkwe ksur tal-kundizzjonijiet u l-

	obbligi stabbiliti fl-Artikolu 13(3), l-impjegatur jew l-intermedjarju u l-postijiet tax-xogħol vakanti assoċjati kollha għandhom jitneħħew minnufih mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Matul l-investigazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali, l-impjegatur jew l-intermedjarju u l-postijiet tax-xogħol vakanti assoċjati kollha għandhom jiġu sospiżi mir-Riżerva ta' Talent.

Or. en

Emenda 706
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-Istati Membri għandhom jipprevedu penali kontra l-impjegaturi li ma jkunux issodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-liġijiet rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Or. en

Emenda 707
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli faċilment aċċessibbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 708
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli faċilment aċċessibbli.	2. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' ***lmenti u ta'*** rimedju disponibbli faċilment aċċessibbli ***u b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jifhem jew li huwa raġonevolment mistenni li jifhem***.

Or. en

Emenda 709
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jissospendu l-aċċess ta' impjegatur li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE u jneħħu l-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegatur mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE malli jsiru jafu dwar kwalunkwe ksur minn dak l-impjegatur tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(3). Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jipprovdu wkoll lill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE informazzjoni dwar tali każijiet ta' ksur u dwar il-miżuri rilevanti li jkunu ttieħdu.

Or. en

Emenda 710
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 19	***imħassar***
Proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati	
1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	
2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 tista' tkopri:	
(a) il-kisba tal-viżi u tal-permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol;	
(b) l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni għal postijiet tax-xogħol vakanti ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	

Or. fr

Emenda 711
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 19	***imħassar***
Proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati	
1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn	

pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 tista' tkopri:

(a) il-kisba tal-viżi u tal-permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol;

(b) l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni għal postijiet tax-xogħol vakanti ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 712
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċeduri tal-immigrazzjoni ***aċċellerati***	Proċeduri tal-immigrazzjoni

Or. en

Emenda 713
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu ***li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva*** ta' Talent tal-UE.	1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu ***liberament*** jiddeċiedu ***kif joħorġu permessi lill-persuni li qed ifittxu impjieg, bl-eċċezzjonijiet li ġejjin: iċ-ċittadini terzi impjegati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ma jistgħux jibqgħu fl-UE għal aktar minn tliet snin wara l-ammissjoni tagħhom permezz tar-Riżerva*** ta' Talent tal-UE***, u lanqas ma għandhom ikunu***

intitolati jirritornaw fi żmien ħames snin; huma ma għandu jkollhom l-ebda dritt ta' residenza permanenti fl-UE; huma ma għandu jkollhom l-ebda dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja fl-UE.

Or. sv

Emenda 714
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Il-proċeduri ta' immigrazzjoni aċċellerati huma mingħajr preġudizzju għat-twettiq tal-kontrolli ta' sigurtà f'konformità mal-liġi nazzjonali.***

Or. en

Emenda 715
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu ***fuq bażi individwali*** li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Ma għandu***

jkun hemm l-ebda obbligu jew aspettattiva li Stati Membri parteċipanti oħra jagħmlu l-istess.

Or. en

Emenda 716
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu ***proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE***.	1. L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu ***miżuri li jiżguraw li persuni li jkunu qed ifittxu impjieg minn barra l-UE jsibu xogħol biss meta jkun hemm ħtieġa urġenti dimostrabbli u ġustifikata fid-dawl ta' ħtiġijiet u speċifiċitajiet soċjali, ekonomiċi u tax-xogħol partikolari tal-Istat Membru rilevanti***.

Or. el

Emenda 717
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati Membri*** parteċipanti ***jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel*** tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. ***Kull Stat Membru*** parteċipanti ***jista' jistabbilixxi l-proċeduri tal-immigrazzjoni previsti mil-liġijiet nazzjonali rispettivi tiegħu biex jippermetti r-reklutaġġ*** tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 718
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***parteċipanti jistgħu jiddeċiedu*** li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. L-Istati Membri ***għandhom jivvalutaw l-għażla*** li jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 719
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti ***jistgħu jiddeċiedu li*** jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. L-Istati Membri parteċipanti ***għandhom*** jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 720
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-Istati Membri parteċipanti ***jistgħu jiddeċiedu li*** jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. L-Istati Membri parteċipanti ***għandhom*** jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 721
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ***tista'*** tkopri:	2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ***għandha*** tkopri:
	(a) in-nuqqas ta' applikazzjoni tat-test tas-suq tax-xogħol għall-postijiet tax-xogħol vakanti li jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;
	(b) ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-ħiliet tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiż terz fejn il-ħiliet ta' dawk il-persuni li qed ifittxu impjieg ġew żviluppati jew validati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent tal-UE jew f'qafas nazzjonali u ċertifikat b'"pass tas-Sħubija għat-Talenti".

Or. en

Emenda 722
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-proċedura*** msemmija fil-	2. ***Il-proċeduri*** msemmija fil-

paragrafu 1 ***tista' tkopri***:	paragrafu 1 ***għandhom jinkludu***:

Or. en

Emenda 723
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ***tista'*** tkopri:	2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ***għandha*** tkopri:

Or. en

Emenda 724
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kisba tal-viżi u tal-permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol***;***	(a) il-kisba tal-viżi u tal-permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol***. Viża għal Stat Membru ma għandha tikkonferixxi l-ebda dritt ta' moviment liberu fiż-Żona Schengen għal din il-kategorija ta' ħaddiema temporanji minn pajjiżi terzi li daħlu fl-UE permezz tar-Riżerva ta' Talent.***

Or. sv

Emenda 725
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) ***il-kisba tal-viżi u tal-permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol;***	(a) ***Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 tista' tkopri wkoll:*** ***(a) il-kisba tal-viżi u tal-permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol;***

Or. en

Emenda 726
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kisba tal-viżi u tal-permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol;	(a) il-kisba tal-viżi u tal-permessi ta' residenza ***nazzjonali*** għal finijiet ta' xogħol;

Or. en

Emenda 727
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni għal postijiet tax-xogħol vakanti ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-elementi stabbiliti fil-premessi 5 u 23, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tibqa' għodda tal-aħħar għażla, li għandha tintuża meta l-impjegaturi ma jirnexxilhomx jirreklutaw kandidat għall-post li jkun ċittadin tal-UE.

Emenda 728
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt β

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni għal postijiet tax-xogħol vakanti ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	***imħassar***

Or. el

Emenda 729
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni għal postijiet tax-xogħol vakanti ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	***imħassar***

Or. fi

Emenda 730
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni għal postijiet tax-xogħol vakanti ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	***imħassar***

Or. sv

Emenda 731
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni għal postijiet tax-xogħol vakanti ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 732
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni għal postijiet tax-xogħol vakanti ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***.	(b) ***il-verifiki ta' sigurtà meħtieġa f'konformità mal-liġi nazzjonali u mal-bażijiet ta' data tal-UE rilevanti inkluża s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen***.

Or. en

Emenda 733
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jekk il-proċedura ta' immigrazzjoni aċċellerata ma tiġix

applikata, l-Istati Membri għandhom joħorġu permessi tax-xogħol u tar-residenza skont id-Direttiva (UE) 2024/1233, biex jiżguraw proċedura tal-immigrazzjoni armonizzata u bla xkiel u jżidu l-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol Ewropew.

Or. en

Emenda 734
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 19a
	Tariffi
	1. Is-servizzi għall-persuni li qed ifittxu impjieg, għall-impjegaturi u għall-intermedjarji parteċipanti kif imsemmi fl-Artikoli 12, 13, 15a ġdid, 16, 17, 18 u 19 għandhom ikunu mingħajr ħlas.
	2. Servizzi addizzjonali li jingħataw minn partijiet terzi vverifikati għall-impjegaturi u għall-intermedjarji parteċipanti jistgħu jkunu soġġetti għal tariffa pagabbli mill-impjegatur jew l-intermedjarju. It-tariffa għandha tintalab biss meta t-tqabbil jirnexxi, u d-dħul għandu jintuża biex jikkumpensa karatteristiċi u servizzi pprovduti fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, bħal servizzi ta' tqabbil, tiġdid u titjib tal-ħiliet għal ċittadini minn pajjiżi terzi.
	3. Il-livell tat-tariffi ma għandux ikun sproporzjonat jew eċċessiv.

Or. en

Emenda 735
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Attivitajiet ta' monitoraġġ	Attivitajiet ta' monitoraġġ ***u feedback***

Or. en

Emenda 736
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità ***mal-punt (e) tal-Artikolu 8(2)***. B'mod partikolari, għandha tinġabar data dwar:	1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità ***mal-Artikolu 8(2), il-punt (e), u sejbiet importanti għandhom jiġu rrapportati regolarment lill-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***. B'mod partikolari, għandha tinġabar data dwar:

Or. en

Emenda 737
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 8(2). B'mod partikolari, għandha tinġabar ***data*** dwar:	1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 8(2). B'mod partikolari, ***id-data*** għandha tinġabar***, fuq bażi volontarja u anonima,*** dwar:

Or. en

Emenda 738
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità ***mal-punt (e) tal-Artikolu 8(2)***. B'mod partikolari, għandha tingħabar data dwar:	1. Il-prestazzjoni ***u l-kosteffettività*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità ***mal-Artikolu 8(2), il-punt (e)***. B'mod partikolari, għandha tingħabar data dwar:

Or. en

Emenda 739
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità ***mal-punt (e) tal-Artikolu 8(2)***. B'mod partikolari, għandha tingħabar data dwar:	1. Il-prestazzjoni ***u l-kosteffettività*** tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità ***mal-Artikolu 8(2), il-punt (e)***. B'mod partikolari, għandha tingħabar data dwar:

Or. en

Emenda 740
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta'	1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta'

Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata ***regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 8(2)***. B'mod partikolari, għandha tinġabar data dwar:	Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata ***u rrapportata regolarment lill-media u lill-Parlament Ewropew mill-Kummissjoni***. B'mod partikolari, għandha tinġabar data dwar:

Or. sv

Emenda 741
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd u t-tip ta' postijiet tax-xogħol vakanti ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(b) l-għadd ***ta' impjegati u intermedjarji rreġistrati fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-għadd*** u t-tip ta' postijiet tax-xogħol vakanti ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 742
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-għadd u t-tip ta' kollokamenti f'impjiegi ffaċilitati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(d) l-għadd u t-tip ta' kollokamenti ***u tqabbil*** f'impjiegi ffaċilitati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 743
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-għadd ta' għażliet iffaċilitati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma wasslux għal kollokament ta' impjieg, u r-raġuni għat-tmiem tal-proċess tar-reklutaġġ;

Or. en

Emenda 744
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) l-għadd u t-tip ta' permessi maħruġa lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 745
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-għadd ta' "permessi tas-Sħubijiet ta' Talent tal-UE" maħruġa***;***	(e) l-għadd ta' "permessi tas-Sħubijiet ta' Talent tal-UE" maħruġa***, l-għadd ta' każijiet ta' frodi, l-għadd ta' permessi maħruġa ħażin, il-każijiet kollha ta' frodi fil-kwalifiki b'rabta mal-edukazzjoni u t-taħriġ li allegatament seħħew, kif ukoll drabi fejn individwi sempliċement jisparixxu u jakkwistaw status illegali.***

Or. sv

Emenda 746
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-għadd ta' kollokamenti ffaċilitati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent**.**	(f) l-għadd ta' kollokamenti ffaċilitati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent ***jew l-oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiż terz;***

Or. en

Emenda 747
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-għadd ta' impjegaturi li l-aċċess tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ġie sospiż minħabba ksur tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(3) u lista pubblika ta' dawk l-impjegaturi.

Or. en

Emenda 748
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) L-għadd u t-tip ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u reklutaġġi minn pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jiġi mmonitorjat l-impatt tar-regolament fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw

permezz ta' indikaturi ċari bbażati fuq l-SDGs

Or. en

Emenda 749
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-għadd ta' lmenti mressqa kontra impjegaturi rreġistrati;

Or. en

Emenda 750
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) Data aġġornata dwar setturi neqsin mill-ħaddiema;

Or. en

Emenda 751
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) feedback minn impjegaturi, intermedjarji u persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg dwar l-esperjenza tagħhom bħala utenti u dwar il-proċess ta' reklutaġġ permezz tal-pjattaforma tal-IT

tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 752
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) l-għadd ta' impjegaturi rreġistrati mneħħija mir-Riżerva ta' Talent tal-UE minħabba każijiet ta' ksur;

Or. en

Emenda 753
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fc) l-esperjenza ta' reklutaġġ għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u għall-ħaddiema rreġistrati minn pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 754
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, f'kollaborazzjoni mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva

ta' Talent tal-UE, għandu jqassam stħarriġiet anonimi lill-impjegaturi u lil persuni li qed ifittxu impjieg, dwar l-evalwazzjoni tagħhom tal-adegwatezza tal-mekkaniżmu ta' tqabbil, l-ammont ta' reklutaġġi ffaċilitati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, is-sodisfazzjon ġenerali bl-informazzjoni pprovduta u l-assistenza matul il-proċess, u l-aċċessibbiltà tal-pjattaforma.

Or. en

Emenda 755
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Filwaqt li jikkunsidra l-informazzjoni miġbura msemmija f'dan il-Kapitolu, il-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu, f'kollaborazzjoni mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, kull sentejn, jissottometti rapport dwar l-attività tar-Riżerva ta' Talent tal-UE lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Or. en

Emenda 756
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jvara kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni komprensiva u

attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni f'pajjiżi terzi biex ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi stabbilita bħala ditta globali.

Or. en

Emenda 757
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Id-data aggregata statistikament fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tkun disponibbli pubblikament, mingħajr ma tiżvela l-informazzjoni personali tal-profil jew il-post tax-xogħol vakanti.

Or. en

Emenda 758
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jżomm il-bażi ta' data fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u għandu jtejjeb il-funzjonalità tal-pjattaforma fuq bażi regolari. Postijiet tax-xogħol vakanti skaduti u profili ta' persuni li kienu qed ifittxu impjieg u li rnexxielhom isibu impjieg jew li talbu biex jitneħħew mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jitneħħew fl-iqsar żmien possibbli.

Or. en

Emenda 759
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Eżerċizzju tad-delega	
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għal perjodu ta' 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' durata identika, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.	
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-	

Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. fi

Emenda 760
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Eżerċizzju tad-delega	
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għal perjodu ta' 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' durata identika, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni	

mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 761
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	***imħassar***

Or. sv